



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0223/2023**

29.6.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")  
(COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Tiemo Wölken

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura  
Ramona Strugariu, Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN .....	55
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	101
PROCÈDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	131
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	132



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”)**

**(COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0177),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2)(f) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0161/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mis-Senat Ċek u s-Senat Franċiż, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0223/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jissuġġerixxi li l-att jissema “d-Direttiva Tiedo Wölken... dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”)<sup>2</sup>;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> Tiedo Wölken u ... mexxew in-negozjati dwar l-att f'isem il-Parlament u l-Kunsill rispettivament.

sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## Emenda 1

### Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,***

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) tipprevedi, inter alia, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), il-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), u għal rimedju effettiv u smiġħ ġust (l-Artikolu 47).

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) tipprevedi, *inter alia*, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), il-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), ***għal-libertà ta’ għaqda u ta’ assoċjazzjoni (l-Artikolu 12)*** u għal rimedju effettiv u smiġħ ġust (l-Artikolu 47).

## Emenda 3

### Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

**(3a)** *Id-dritt għal-libertà ta' espressjoni huwa dritt fundamentali li għandu jiġi eżerċitat b'sens ta' dmir u b'responsabbiltà, filwaqt li jitqies id-dritt fundamentali tan-nies li jiksbu informazzjoni imparzjali kif ukoll ir-rispett għad-dritt fundamentali li wieħed jipproteġi r-reputazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza. F'każijiet ta' kunflitt bejn dawn id-drittijiet, il-partijiet kollha għandu jkollhom aċċess għall-qrati b'rispett dovut għall-prinċipju ta' proċess ġust.*

#### Emenda 4

##### Proposta għal direttiva Premessa 3b (ġdida)

**(3b)** *Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Unjoni, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tipproponi pakkett kemm ta' liġi mhux vinkolanti kif ukoll ta' liġi vinkolanti biex tindirizza l-għadd dejjem jikber ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika jew "SLAPPs" li jikkonċernaw lill-ġurnalisti, l-NGOs, l-akkademiċi u s-soċjetà ċivili fl-Unjoni. Il-Parlament ippropona miżuri leġiżlattivi fl-oqsma tal-liġi proċedurali ċivili u kriminali, bħal mekkaniżmu ta' tkeċċija bikrija għal kawżi ċivili abbużivi, id-dritt għall-aġġudikazzjoni sħiħa tal-ispejjeż imġarrba mill-konvenut, u d-dritt għal kumpens għad-danni. Ir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Novembru 2021 inkludiet ukoll sejħa għal taħriġ adegwat għall-imħallfin u l-prattikanti legali dwar l-SLAPPs, fond speċifiku biex jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-vittmi tal-SLAPPs u reġistru pubbliku tad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-kawżi SLAPP. Barra minn*

*hekk, il-Parlament appella għar-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> (“ir-Regolament Brussell I”) u tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup> (“ir-Regolament Ruma II”) sabiex jiġu pprevenuti “turiżmu ta’ libell” jew “għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni”.*

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).*

*<sup>1b</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40).*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li ttipprovdi **protezzjoni lill-persuni** fiżiċi u ġuridiċi li jinvolve ruħhom f’parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta’ interess pubbliku, **b’mod partikolari** l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kontra proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu kontribom sabiex jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa strategic lawsuits against public participation (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew “SLAPPs”).

#### *Emenda*

(4) L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li ttipprovdi **regoli minimi fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura li l-protezzjoni tal-persuni** fiżiċi u ġuridiċi li jinvolve ruħhom f’parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta’ interess pubbliku, **inklużi** l-ġurnalisti, **il-pubblikaturi, l-organizzazzjonijiet tal-media, l-informaturi** u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, **kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-NGOs, it-trade unions, l-artisti, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi**, kontra proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu kontribom, **kif ukoll it-theddid relatat**, sabiex jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni



pubblika (komunement imsejħa “strategic lawsuits against public participation” (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew “SLAPPs”).

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u fit-twassil u l-akkoljenza ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Huwa essenzjali li jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. Il-ġurnalisti għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokrazija Ewropej.

#### *Emenda*

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u fit-twassil u l-akkoljenza ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. **Ġurnaliżmu indipendenti, professjonali u responsabbli, kif ukoll l-aċċess għal informazzjoni pluralistika, huma pilastr fundamentali tad-demokrazija.** Huwa essenzjali li jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. Il-ġurnalisti għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv **u mingħajr biża'** sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokrazija Ewropej.

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-ġurnalisti investigattivi għandhom rwol ewlieni **fil-ġlieda kontra** l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-estremiżmu. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw għadd dejjem akbar ta' attacchi u fastidju. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji sabiex **ikunu**

#### *Emenda*

(6) Il-ġurnalisti investigattivi **u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-media** għandhom rwol ewlieni **f'li jikxfu u f'li jiġġieldu** l-kriminalità organizzata, **l-abbuż tal-poter**, il-korruzzjoni, **il-ksur tad-drittijiet fundamentali** u l-estremiżmu. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw

**jistgħu** jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku **leġittimu**.

għadd dejjem akbar ta' attacchi, **qtil, theddid, intimidazzjoni** u fastidju. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji **u protezzjoni, inkluża protezzjoni tas-sikurezza fiżika tagħhom, sabiex tkun tista' tippermetti lill-ġurnalisti investigattivi** jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku, **mingħajr biża' ta' kastig talli wettqu riċerka għall-verità u infurmaw lill-pubbliku**.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokrazija Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. **Dawn għandhom** ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol jew il-libertajiet reliġjużi. **Il-parteċipanti l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku, bħall-akkademiċi u r-riċerkaturi, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata.**

#### *Emenda*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokrazija Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali, **tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u tal-istat tad-dritt. **Meta jitqiesu l-politiki ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni lill-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet ambjentali. Jenħtieġ li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem** ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika, **jipromwovu l-obbligu ta' rendikont** u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol jew il-libertajiet reliġjużi.

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a) Il-parteċipanti fid-dibattitu pubbliku, għajr il-ġurnalisti, l-organizzazzjonijiet tal-media jew id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bħal akkademiċi, riċerkaturi jew artisti, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata. F'soċjetà demokratika, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirriċerkaw, jgħallmu, jitgħallmu, iwettqu xogħolhom u jikkomunikaw mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni. L-akkademiċi u r-riċerkaturi jikkontribwixxu b'mod fundamentali għad-diskors pubbliku u t-tixrid tal-għarfien, kif ukoll jiżguraw li d-dibattitu demokratiku jkun jista' jsir fuq bażi infurmata u jiġġieled id-diżinformazzjoni.**

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) Sabiex jitrawwem dan l-ambjent, huwa importanti li ***l-ġurnalisti u id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem*** jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, iżda biex jissikkett id-dibattitu pubbliku tipikament bl-użu tal-fastidju u l-intimidazzjoni.

(9) Sabiex jitrawwem dan l-ambjent, huwa importanti li ***l-persuni fiżiċi u ġuridiċi*** jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, iżda biex jissikkett id-dibattitu pubbliku ***u jiġu prevenuti l-investigazzjoni u r-rappurtar ta' ksur ta' liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż il-korruzzjoni jew prattiki abużivi oħra*** tipikament bl-użu tal-fastidju u l-intimidazzjoni.

## Emenda 11

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-iSLAPPs tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju individwi, gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet u organi tal-istat. Dawn spiss jinvolve żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, ***fejn l-attur*** ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. Għalkemm ma humiex komponent indispensabbli ta' kawżi bħal dawn, ***fejn ikun*** preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq ***il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ta' deterrent fuq il-ħidma tagħhom billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura b'antiċipazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-

*Emenda*

(10) L-iSLAPPs tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju individwi, gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet, ***uffiċjali pubbliċi, entitajiet ikkontrollati pubblikament, politiċi, awtoritajiet ġudizzjarji*** u organi tal-istat ***f'attentat li jsikktu d-dibattitu pubbliku***. Dawn spiss jinvolve żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, ***meta r-rikorrent*** ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. Għalkemm ma humiex komponent indispensabbli ta' kawżi bħal dawn, ***meta jkun*** preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

*Emenda*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq ***il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika***. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ta' deterrent fuq il-ħidma tagħhom billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura b'antiċipazzjoni ta'

tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Dawk immirati mill-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jistgħu jiffaċċjaw diversi kawżi simultanjament, xi drabi mibdija f'diversi ġurisdizzjonijiet. Il-proċedimenti mibdija fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed kontra persuna residenti fi Stat Membru ieħor normalment ikunu aktar kumplessi u għaljin għall-konvenut. **L-atturi** fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jistgħu jużaw ukoll għodod proċedurali sabiex iżidu t-tul u l-kost tal-litigazzjoni, u jressqu kawżi f'ġurisdizzjoni li huma jqisu li hija favorevoli għall-kawża tagħhom, aktar milli quddiem qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' t-talba. Prattiki bħal dawn ipoġġu wkoll piżijiet bla bżonn u ta' ħsara fuq is-sistemi tal-qrati nazzjonali.

#### *Emenda*

(12) Dawk immirati mill-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jistgħu jiffaċċjaw diversi kawżi simultanjament, **li jistgħu jkunu ċivili, amministrattivi jew kriminali jew taħlita ta' dawn**, xi drabi mibdija f'diversi ġurisdizzjonijiet. Il-proċedimenti mibdija fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed kontra persuna residenti fi Stat Membru ieħor normalment ikunu aktar kumplessi u għaljin għall-konvenut. **Ir-rikorrenti** fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jistgħu jużaw ukoll għodod proċedurali sabiex iżidu t-tul u l-kost tal-litigazzjoni, u jressqu kawżi f'ġurisdizzjoni li huma jqisu li hija favorevoli għall-kawża tagħhom (**għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni**), aktar milli quddiem qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' t-talba. **It-tul u l-varjetà tal-proċedimenti, il-pressjoni finanzjarja u t-theddida ta' penali jikkostitwixxu għodod qawwija biex vuċijiet kritiċi jiġu intimidati u msikkta.** Prattiki bħal dawn ipoġġu wkoll piżijiet bla bżonn u ta' ħsara fuq is-sistemi tal-qrati nazzjonali **u jwasslu għal użu ħażin tar-riżorsi tagħhom, b'tali mod li jikkostitwixxu abbuż tas-sistemi ġudizzjarji.**

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba l-involviment tagħha f'parteċipazzjoni pubblika. **Għandhom** jipproteġu wkoll lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, jew fuq bażi professjonali jew personali, jappoġġaw, jassistu jew jipprovdu oġġetti jew servizzi lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteċipazzjoni pubblika fuq materja ta' interess pubbliku. Dan jinvolvi pereżempju ***l-fornituri*** tal-internet, il-pubblikaturi jew l-istamperiji, li jiffaċċjaw jew huma mhedda bi proċedimenti ġudizzjarji talli jipprovdu servizzi lill-persuna fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji.

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Id-Direttiva ma tapplikax għal talbiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà tal-Istat għal azzjonijiet jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat (acta iure imperii) u talbiet kontra uffiċjali li jaġixxu f'isem l-Istat u r-responsabbiltà għal atti ta' awtoritajiet pubbliċi, inkluża r-responsabbiltà ta' detenturi ta' kariga maħtura pubblikament.

*Emenda*

(13) Is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba l-involviment ***dirett jew indirett*** tagħha f'parteċipazzjoni pubblika. ***Jenħtieġ li*** jipproteġu wkoll lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, jew fuq bażi professjonali jew personali, jappoġġaw, jassistu jew jipprovdu oġġetti jew servizzi lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteċipazzjoni pubblika fuq materja ta' interess pubbliku. Dan jinvolvi pereżempju ***l-avukati, il-membri tal-familja, il-fornituri*** tal-internet, il-pubblikaturi jew l-istamperiji, li jiffaċċjaw jew huma mhedda bi proċedimenti ġudizzjarji talli ***jassistu***, jipprovdu ***appoġġ jew*** servizzi lill-persuna fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji.

*Emenda*

(15) Id-Direttiva ma tapplikax għal talbiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà tal-Istat għal azzjonijiet jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat (acta iure imperii) u talbiet kontra uffiċjali li jaġixxu f'isem l-Istat u r-responsabbiltà għal atti ta' awtoritajiet pubbliċi, inkluża r-responsabbiltà ta' detenturi ta' kariga maħtura pubblikament, ***sakemm il-liġi nazzjonali ma tippredix dan.*** ***F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-proċedimenti tal-qorti xorta jistgħu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' "materji ċivili u kummerċjali" kif imsemmi f'din id-Direttiva meta Stat jew korp pubbliku jkun parti, jekk l-atti jew l-ommissjonijiet***

*ma jsehhuq fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15a) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi, u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika, inkluż id-dritt nazzjonali li jistabbilixxi salvagwardji proċedurali aktar effettivi, bħal penali doppja meta, b'rispett sħiħ għad-dritt ta' proċess ġust, il-qorti tista' mhux biss tagħti l-ispejjeż jew il-kumpens lill-konvenut iżda wkoll timponi penali li r-rikorrent għandu jħallas lill-Istat meta jkun ċar li l-litigazzjoni li beda kienet vessatorja, frivola jew b'rieda ħażina. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma sservix biex tiġġustifika xi regressjoni relatata mal-livell ta' protezzjoni li diġà jeżisti f'kull Stat Membru.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) Il-parteeipazzjoni pubblika **għandha** tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni **jew** attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju **tad-dritt** għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta'

(16) Il-parteeipazzjoni pubblika **jenħtieġ li** tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni, attività **jew azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew li tassisti direttament marbuta magħha,** minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju **tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u libertajiet bħad-dritt** għal-libertà tal-espressjoni u l-



komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet jew xogħlijiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentattivi jew satiriċi, u kwalunkwe **azzjoni** preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi. Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti mal-istqarrija jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu **mmirati** biex irażżnu l-parteċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, sħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra.

informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet jew xogħlijiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentattivi jew satiriċi, u kwalunkwe **attività** preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju **tal-libertà akkademika u artistika**, tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi. Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti mal-istqarrija jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu **fil-mira** biex irażżnu l-parteċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, sħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra.

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li **tinkludi** wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti

#### *Emenda*

(18) Il-kunċett ta' kwistjoni ta' interess pubbliku jenħtieġ li **jinkludi kwistjonijiet rilevanti għat-tgawdija tad-drittijiet**



oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi **fejn** tali materji **ikunu** rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima jew **għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali**. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz **għandha** tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza.

**fundamentali, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru u n-nondiskriminazzjoni, u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, u l-ambjent. Huwa jenħtieġ li jinkludi** wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi **meta** tali materji **jkunu** rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima, **għall-konsumatur jew għad-drittijiet tax-xogħol**. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz **jenħtieġ li** tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza.

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Premessa 19a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19a) Allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi, approprjazzjoni indebita, ħasil tal-flus, estorsjoni, koerċizzjoni, fastidju sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru, jew forom oħra ta' intimidazzjoni u kriminalità, jew kwalunkwe reat kriminali jew amministrattiv ieħor, inkluża l-kriminalità finanzjarja u ambjentali, jikkwalifikaw bħala kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Aktivitajiet bl-għan li jipproteġu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, il-prinċipju ta' noninterferenza fil-proċessi demokratiċi, u li jipprovdu jew jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni bl-għan li tiġi miġġielda didiżinformazzjoni jikkwalifikaw ukoll bħala kwistjonijiet ta' interess pubbliku.**

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) *Il-proċedimenti* ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. Dawn it-tattiċi jintużaw *mill-attur* għal skopijiet oħra minbarra li jikseb aċċess għall-ġustizzja. Dawn it-tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid.

*Emenda*

(20) *In-nuqqas ta' bilanċ fil-poter bejn il-partijiet li huwa karatteristiku tal-iSLAPPs tipikament jirriżulta mill-użu ħażin ta' vantaġġ ekonomiku jew influwenza politika mir-rikorrent kontra l-konvenut, flimkien man-nuqqas ta' mertu legali. Indikaturi oħra għal proċedimenti* ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal *dipendenza fuq allegazzjoni waħda jew aktar li jkunu kompletament jew parzjalment infondati, tressiq ta' numru eċċessiv ta' talbiet, dewmien tal-proċedimenti jew twaqqif ta' kawżi fi stadju aktar tard tal-proċedimenti, bidu ta' proċedimenti differenti fuq kwistjonijiet simili*, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. *L-imġiba fil-passat tar-rikorrent u, b'mod partikolari, kwalunkwe storja ta' intimidazzjoni legali jenħtieġ li jitqiesu wkoll meta jiġi ddeterminat jekk il-proċedimenti tal-qorti humiex ta' natura abbużiva*. Dawn it-tattiċi jintużaw *mir-rikorrent* għal skopijiet oħra minbarra li jikseb aċċess għall-ġustizzja *jew li ġenwinament jeżerċita dritt*. Dawn it-tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid.

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20a) Proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika qed isiru aktar sofistikati u aktar effettivi, b'waħda mit-tekniki użati tkun il-ftuħ ta' kawżi multipli kontra l-istess persuna dwar l-istess suġġett, li jfisser li kollha kemm huma għandhom jiġu difiżi u ttrattati fl-istess ħin u b'mod parallel mill-istess persuna, fatt li jżid l-ispejjeż b'mod sproporzjonat.***

## **Emenda 22**

### **Proposta għal direttiva Premessa 20b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20b) L-iSLAPPs huma kkaratterizzati b'mod konsistenti minn żbilanċ fil-poter bejn ir-rikorrent u l-konvenut f'termini ta' riżorsi finanzjarji u legali. Dan l-iżbilanċ fil-poter iqajjem tħassib partikolari jekk il-kawżi abbużivi jiġu ffinanzjati direttament jew indirettament minn baġits tal-Istat u jkunu kkombinati ma' miżuri statali indiretti u diretti oħra kontra l-organizzazzjonijiet tal-media indipendenti, il-ġurnaliżmu indipendenti u s-soċjetà ċivili.***

## **Emenda 23**

### **Proposta għal direttiva Premessa 20c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20c) Proċedimenti tal-qorti abbużivi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika spiss jiksru d-dritt tal-konvenuti għad-difiża rikonoxxut mill-Karta, u jista' jkollhom***

*impatt ukoll fuq id-dritt tagħhom għal proċess ġust u l-preżunzjoni tal-innoċenza.*

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri ħlief jekk iż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita. Anki meta ż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, ***il-materja għandha*** titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika ***li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku*** jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed. ***Dan jinkludi*** pereżempju l-parteċipazzjoni pubblika ***f'avvenimenti*** organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ***bħal*** dehriet f'seduti pubbliċi, jew sqarrijiet jew attivitajiet dwar materji ***li huma ta' rilevanza speċifika għal aktar minn Stat Membru wieħed***, bħat-tniġġis transfruntier jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involvement transfruntier potenzjali. It-tieni sitwazzjoni fejn materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta ***l-attur*** jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor. Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.

#### *Emenda*

(22) Materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri ħlief jekk iż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita. Anki meta ż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, ***jenħtieġ li l-materja*** titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed ***minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-att innifsu, jew minħabba l-interess leġittimu li l-pubbliku jista' jieħu fil-materja kkonċernata mill-att, inkluż jekk l-att huwiex aċċessibbli permezz ta' mezzi elettroniċi. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu*** pereżempju l-parteċipazzjoni pubblika ***f'atti, bħal*** avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dehriet f'seduti pubbliċi, jew ***pubblikazzjonijiet imxerrda b'mod wiesa'.*** ***Huma jistgħu jinkludu wkoll*** sqarrijiet jew attivitajiet dwar materji, bħat-tniġġis transfruntier, jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involvement transfruntier potenzjali. ***Att ta' parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li jitqies li huwa aċċessibbli f'aktar minn Stat Membru wieħed, b'mod partikolari, jekk isir fuq l-internet, pereżempju fil-każ ta' kampanji tal-media soċjali jew kopertura tal-media online. In-natura tal-internet li huwa preżenti kullimkien tiġġustifika l-kunsiderazzjoni ta' atti ta' parteċipazzjoni pubblika li huma***

*aċċessibbli f'aktar minn Stat Membru wieħed b'hal materja b'implikazzjonijiet transfruntiera. L-effett tal-mezzi diġitali ta' komunikazzjoni fuq il-kunċett ta' elementi transfruntiera diġà ġie rikonoxxut fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. It-tieni sitwazzjoni fejn materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta **r-rikorrent** jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor. Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal direttiva Premessa 22a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22a) Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli għall-persuni fil-mira minn proċedimenti tal-qorti kontra l-parteċipazzjoni pubblika mill-mument li l-awtoritajiet kompetenti jsiru konxji ta' dawn il-persuni u matul il-proċedimenti kollha f'konformità mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. L-appoġġ jenħtieġ li jkun disponibbli permezz ta' varjetà ta' mezzi, inkluż billi jiġu pprovduti informazzjoni u pariri komprensivi u indipendenti, b'mod li huwa faċilment aċċessibbli għall-pubbliku u bla ħlas, dwar il-proċeduri u r-rimedji disponibbli, dwar il-protezzjoni mill-intimidazzjoni, il-fastidju jew it-theddid ta' azzjoni legali, u dwar id-drittijiet tal-persuna kkonċernata, u billi tiġi pprovduta għajjnuna legali fi proċedimenti ċivili transfruntiera, għajjnuna legali fi proċedimenti ulterjuri u konsulenza legali jew assistenza legali oħra li titqies xierqa. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu assistenza finanzjarja u miżuri ta'*

*appoġġ, inkluż appoġġ psikoloġiku, għal dawk fil-mira mill-proċedimenti tal-qorti kontra l-parteeċipazzjoni pubblika.*

## Emenda 26

**Proposta għal direttiva  
Premessa 22b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22b) Il-parteeċipazzjoni fi proċedimenti kontra l-parteeċipazzjoni pubblika tesponi lil dawk fil-mira għal stress psikoloġiku partikolari. Barra minn hekk, il-preparazzjoni għal tali proċedimenti u parteċipazzjoni fihom hija marbuta ma' riżorsi siewja tal-konvenuti li ħafna drabi ma jkollhomx jew li nkella jkunu ġew investiti fl-involviment fil-parteeċipazzjoni pubblika. Assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u korpi kollettivi oħra, bħat-trade unions, u kwalunkwe entità legali oħra li, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mid-dritt nazzjonali tagħhom, għandha interess leġittimu fis-salvagwardja tad-drittijiet tal-konvenut jenħtieġ li għalhekk ikollhom il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-proċedimenti, jew f'isem il-konvenut jew b'appoġġ għalih, bl-approvazzjoni tiegħu, jew li jipprovdu informazzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji previsti għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva. Tali possibbiltà ta' rappreżentanza legali jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-kompetenzi tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jinvolvu ruħhom f'isem il-ħaddiema jew b'appoġġ għalihom fi proċedimenti ġudizzjarji, f'konformità ma' regoli oħra tal-Unjoni u nazzjonali.*

## Emenda 27

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) ***Il-konvenuti għandhom ikunu*** jistgħu japplikaw għas-salvagwardji proċedurali li ġejjin: talba għal garanzija li tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti, jew tal-ispejjeż tal-proċedimenti u tad-danni, u talba għal ċaħda bikrija ta' proċedimenti tal-qorti manifestament infondati, talba għal rimedji kontra proċedimenti abbużivi bil-qorti (aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, kumpens għad-danni u penali), jew kollha kemm huma fl-istess ħin.

*Emenda*

(23) ***Jenħtieġ li l-konvenuti jkun*** jistgħu japplikaw għas-salvagwardji proċedurali li ġejjin: talba għal garanzija li tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti, jew tal-ispejjeż tal-proċedimenti u tad-danni, u talba għal ċaħda bikrija ta' proċedimenti tal-qorti manifestament infondati, talba għal rimedji kontra proċedimenti abbużivi bil-qorti (aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, kumpens għad-danni u penali), jew kollha kemm huma fl-istess ħin. ***Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod rapidu u effettiv, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust.***

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Sabiex il-konvenut jiġi pprovdut b'salvagwardja addizzjonali, ***għandu*** jkun hemm il-possibbiltà li jingħata garanzija biex ikopri l-ispejjeż proċedurali u/jew id-danni, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u l-prospetti għas-suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi. Garanzija ma tinvolvi sentenza fuq il-merti iżda sservi bħala miżura kawtelatorja li tiżgura l-effetti ta' deċiżjoni finali li ssib abbuż ta' proċedura. ***Għandu*** jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk għandhiex tiġi ordnata garanzija mill-qorti fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba mill-konvenut.

*Emenda*

(26) Sabiex il-konvenut jiġi pprovdut b'salvagwardja addizzjonali, ***jenħtieġ li*** jkun hemm il-possibbiltà li jingħata garanzija biex ikopri l-ispejjeż proċedurali u/jew id-danni, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u l-prospetti għas-suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi. ***Meta d-dritt nazzjonali jipprevedi hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata garanzija lill-konvenut fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti tal-qorti u jenħtieġ li l-imħallef ikun jista' jordna li tiġi allokata dispożizzjoni għat-tariffi tal-qorti lill-konvenut u jiġġarrbu mir-rikorrent filwaqt li titqies, meta jkun***



*xieraq, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet u l-ispejjeż prevedibbli tal-proċedimenti.* Garanzija ma tinvolvi sentenza fuq il-merti iżda sservi bħala miżura kawtelatorja li tiżgura l-effetti ta' deċiżjoni finali li ssib abbuż ta' proċedura ***u li tkopri l-ispejjeż u d-danni kkawżati lill-konvenut. Jenħtieġ li*** jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk għandhiex tiġi ordnata garanzija mill-qorti fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba mill-konvenut.

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Sabiex tiġi żgurata ħeffa kbira fil-proċedura mħaffa fuq rikors għal każda bikrija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għaż-żamma ta' seduti jew sabiex il-qorti tiegħu deċiżjoni. Huma jistgħu jadottaw ukoll skemi simili għal proċeduri fir-rigward ta' miżuri provviżorji. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu sforzi biex jiżguraw li meta l-konvenut ikun ressaq rikors għal salvagwardji proċedurali oħrajn, id-deċiżjoni tittieħed ukoll b'ħeffa. Għal trattament rapidu, l-Istati Membri jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid lill-konvenut.

#### *Emenda*

(29) ***Il-qorti jew it-tribunali aditi b'applikazzjoni għal salvagwardji proċedurali, jenħtieġ li jagħmlu b'mod rapidu fir-rigward ta' dik l-applikazzjoni, billi jużaw l-aktar proċeduri effiċjenti disponibbli skont id-drift nazzjonali.*** Sabiex tiġi żgurata ħeffa kbira fil-proċedura mħaffa fuq rikors għal każda bikrija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għaż-żamma ta' seduti jew sabiex il-qorti tiegħu deċiżjoni. Huma jistgħu jadottaw ukoll skemi simili għal proċeduri fir-rigward ta' miżuri provviżorji. ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex jiżguraw li meta l-konvenut ikun ressaq rikors għal salvagwardji proċedurali oħrajn, id-deċiżjoni tittieħed ukoll b'ħeffa. Għal trattament rapidu, l-Istati Membri jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid lill-konvenut.

## Emenda 30



**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li ***l-attur*** fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex manifestament infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li ***l-attur*** iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġli biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba ma hijiex manifestament infondata sabiex tiġi evitata każda bikrija.

*Emenda*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li ***r-rikorrent*** fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex manifestament infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li ***r-rikorrent*** iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġli biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba ma hijiex manifestament infondata sabiex tiġi evitata każda bikrija. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' tkeċċija bikrija jittieħdu dejjem minn imħallef, fuq bażi ta' każ b'każ, u jenħtieġ li r-rikorrenti dejjem ikunu intitolati li jressqu appell kontra d-deċiżjoni bikrija ta' każda.***

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 31**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(31) L-ispejjeż ***għandhom*** jinkludu l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż sħaħ tar-rappreżentanza legali ***mġarrba*** mill-konvenut sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. L-ispejjeż tar-rappreżentanza legali li jaqbżu l-ammonti stabbiliti fit-tabelli tat-tariffi statutorji ma ***għandhomx jitqiesu*** bħala eċċessivi per se. ***Il-kumpens sħiħ*** għad-danni ***għandu jinkludi kemm danni materjali kif ukoll immaterjali, bħall-ħsara fiżika u psikoloġika.***

*Emenda*

(31) ***Jenħtieġ li*** l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż sħaħ tar-rappreżentanza legali, ***inklużi l-kostijiet ta' qabel il-proċess imġarrba*** mill-konvenut sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. L-ispejjeż tar-rappreżentanza legali li jaqbżu l-ammonti stabbiliti fit-tabelli tat-tariffi statutorji ***jenħtieġ li*** ma ***jitqiesux*** bħala eċċessivi per se, ***iżda jkun permess li l-ispejjeż jingħataw bis-sħiħ. Meta d-dritt nazzjonali ma jipprevedix l-għoti bis-sħiħ tal-ispejjeż lil hinn mit-tariffi statutorji, il-qorti jenħtieġ li tkun tista' tagħti l-ispejjeż bis-sħiħ bi kwalunkwe mezz ieħor li jkun disponibbli, f'konformità mad-dritt nazzjonali, inkluż permezz tal-kumpens***

għad-danni.

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Premessa 31a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(31a) Il-kumpens sħiħ għad-danni għandu jinkludi kemm danni materjali kif ukoll mhux materjali, bħall-ħsara fiżika, għar-reputazzjoni u psikoloġika. Sabiex il-konvenut ikun jista' jitlob id-danni faċilment u fil-ħin, jenħtieġ li jkun possibbli li jfittex id-danni fl-istess proċedimenti bħal dawk imressqa kontra l-konvenut, meta jkun xieraq permezz ta' kontrotalba. Jenħtieġ li d-dannu materjali jinkludi b'mod partikolari l-onorarji tal-avukat, meta ma jkunux rimborżabbli bħala spejjeż, spejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż mediċi, b'mod partikolari għall-assistenza psikoloġika. Id-dannu materjali jenħtieġ li jinkludi l-ispejjeż ta' qabel il-proċess, jekk dawn ma jkunux inklużi fl-ispejjeż skont il-liġi nazzjonali jew din id-direttiva. L-ispejjeż ta' qabel il-proċess għandhom jinkludu wkoll l-ispejjeż neċessarji mġarrba fir-rigward tad-difiża tad-drittijiet tal-persuna kontra talbiet abbużivi, inklużi l-onorarji tal-avukat. Id-dannu mhux materjali jinkludi b'mod partikolari forom differenti ta' ħsara fiżika u/jew psikoloġika, uġiġħ u tbatija jew diffikultà emozzjonali relatati mal-proċedimenti ġudizzjarji, dannu għar-reputazzjoni u b'mod ġenerali, kwalunkwe tip ta' dannu intanġibbli.*

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) L-għan ewlieni li l-qrati jew it-tribunali jingħataw il-possibbiltà li jimponu penali huwa sabiex ***l-atturi*** potenzjali jkunu skoraġġiti milli jiftħu proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali penali jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-elementi ta' abbuż identifikati. Meta jistabbilixxu l-ammonti għal penali, il-qrati jistgħu jqisu l-potenzjal ta' effett dannuż jew dissważiv tal-proċedimenti fuq il-parteċipazzjoni pubblika, inkluż fir-rigward tan-natura tat-talba, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddida għall-konvenut.

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 32a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(32) L-għan ewlieni li l-qrati jew it-tribunali jingħataw il-possibbiltà li jimponu penali huwa sabiex ***ir-rikorrenti*** potenzjali jkunu skoraġġiti milli jiftħu proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali penali ***jenħtieġ li jiġu determinati abbażi ta' każ b'każ u*** jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-elementi ta' abbuż identifikati. Meta jistabbilixxu l-ammonti għal penali, il-qrati jistgħu jqisu l-potenzjal ta' effett dannuż jew dissważiv tal-proċedimenti fuq il-parteċipazzjoni pubblika, inkluż fir-rigward tan-natura tat-talba, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddida għall-konvenut.

*Emenda*

***(32a) Biex jiġi żgurat li l-pubbliku jkun jista' jkun konxju mid-deċiżjonijiet tal-qorti, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistru nazzjonali aċċessibbli għall-pubbliku tad-deċiżjonijiet tal-qorti rilevanti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' data personali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi reġistru tal-Unjoni aċċessibbli għall-pubbliku abbażi tal-informazzjoni mir-reġistri tal-Istati Membri li jikkonċernaw deċiżjonijiet rilevanti tal-qorti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data***

*personali.*

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 33

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Fil-kuntest transfruntier, huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta t-treddida tal-iSLAPPs minn pajjiżi terzi mmirati lejn il-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħrajn involuti fil-parteeċipazzjoni pubblika li huma ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jinvolvu danni eċċessivi mogħtija kontra **ġurnalisti tal-UE, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn**. Il-proċedimenti tal-Qorti f'pajjiżi terzi huma aktar kumplessi u għaljin għall-persuni fil-mira. Sabiex jiġu protetti d-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi evitat li s-salvagwardji previsti minn din id-Direttiva jiġu mminat minn rikors għal proċedimenti ġudizzjarji f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, huwa importanti li tiġi pprovduta protezzjoni wkoll kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati u abbużivi f'pajjiżi terzi.

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 33a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

(33) Fil-kuntest transfruntier, huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta t-treddida tal-iSLAPPs minn pajjiżi terzi mmirati lejn il-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħrajn involuti fil-parteeċipazzjoni pubblika li huma ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jinvolvu danni eċċessivi mogħtija kontra **persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteeċipazzjoni pubblika**. Il-proċedimenti tal-Qorti f'pajjiżi terzi huma aktar kumplessi u għaljin għall-persuni fil-mira. Sabiex jiġu protetti d-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi evitat li s-salvagwardji previsti minn din id-Direttiva jiġu mminat minn rikors għal proċedimenti ġudizzjarji f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, huwa importanti li tiġi pprovduta protezzjoni wkoll kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati u abbużivi f'pajjiżi terzi.

*unika ġuriżdizzjoni, wara li jkunu ġew ikkunsidrati kif xieraq il-każijiet li fihom il-konvenuti f'każijiet ta' malafama jkunu persuni fiżiċi. Bl-eċċezzjoni ta' dik ir-regola li tikkonċerna każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax l-applikazzjoni tar-Regolament Brussell I.*

## **Emenda 37**

### **Proposta għal direttiva Premessa 33b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(33b) Din id-Direttiva tistabbilixxi raġuni speċjali għal-liġi applikabbli għall-pubblikazzjonijiet bħala att ta' parteċipazzjoni pubblika. F'talbiet dwar publikazzjoni bħala att ta' parteċipazzjoni pubblika, il-liġi applikabbli jenħtieġ li titqies bħala l-liġi tal-post li għalih dik il-publikazzjoni tkun diretta. Jekk ma jkunx possibbli li jiġi identifikat dak il-post, il-liġi applikabbli jenħtieġ li tkun il-liġi tal-post tal-kontroll editorjali jew tal-attività rilevanti fir-rigward tal-att ta' parteċipazzjoni pubblika. F'każijiet għajr dawk koperti minn dik l-eċċezzjoni, din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II.*

## **Emenda 38**

### **Proposta għal direttiva Premessa 34**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(34) Din id-Direttiva toħloq raġuni speċjali ġdida ta' ġuriżdizzjoni sabiex jiġi żgurat li l-persuni fil-mira ta' SLAPPs iddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jkollhom

(34) Din id-Direttiva toħloq raġuni speċjali ġdida ta' ġuriżdizzjoni sabiex jiġi żgurat li l-persuni fil-mira ta' SLAPPs iddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jkollhom

rimedju effiċjenti disponibbli fl-Unjoni kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi mressqa f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz. Din il-bażi speċjali ta' ġuriżdizzjoni tippermetti li l-persuni fil-mira li jkunu ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jfittxu, fil-qrati jew fit-tribunali tad-domiċilju tagħhom, kumpens għad-danni u għall-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz. Dan id-dritt japplika irrispettivament mid-domiċilju **tal-attur** fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

### Emenda 39

#### Proposta għal direttiva Premessa 34a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

rimedju effiċjenti disponibbli fl-Unjoni kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi mressqa f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz. Din il-bażi speċjali ta' ġuriżdizzjoni tippermetti li l-persuni fil-mira li jkunu ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jfittxu, fil-qrati jew fit-tribunali tad-domiċilju tagħhom, kumpens għad-danni u għall-ispejjeż imġarrba **jew li jkunu raġonevolment mistennija li jiġu mġarrba** b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz. Dan id-dritt japplika irrispettivament mid-domiċilju **tar-rikorrent** fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

*Emenda*

**(34a) L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu u jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti u attivi li jaħdmu mal-persuni fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti kontra l-parteciċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari fir-rigward ta' inizjattivi ta' tfassil tal-politika, kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u ta' edukazzjoni, u taħriġ, kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt ta' tali miżuri.**

### Emenda 40

#### Proposta għal direttiva Premessa 34b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(34b) Id-dispożizzjonijiet u s-salvagwardji ta' din id-Direttiva jenħtieġ**

*li japplikaw għall-proċedimenti tal-qorti abbużivi kollha kontra l-partekipazzjoni pubblika quddiem qorti nazżjonali fil-mument tad-dħul fis-seħħ tar-regoli nazżjonali li jittrasponu din id-Direttiva u wara din id-data.*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 34c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34c) L-Istati Membri jenħtieġ li jġu inkoraġġiti biex jieħdu azzjoni xierqa biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tagħhom għat-titjib tal-aċċess ta' daww fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti kontra l-partekipazzjoni pubblika għal informazzjoni dwar is-salvagwardji proċedurali stabbiliti f'din id-Direttiva u skont id-dritt nazżjonali. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tkopri l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki kurrenti fl-Istati Membri f'każijiet transfruntiera u l-ġhoti ta' assistenza, meta jkun xieraq, lil networks u korpi Ewropej bħall-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-ħidma fuq materji direttament rilevanti għal daww fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti kontra l-partekipazzjoni pubblika.*

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 34d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34d) B'rispett xieraq għall-indipendenza tal-professjoni legali, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-adozzjoni minn assoċjazzjonijiet professjonali ta' regoli deontoloġiċi li jiggwidaw l-imġiba tal-professionisti*

*legali biex jiskoraġġixxu l-adozzjoni ta' kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, inkluż, meta jkun xieraq, sanzjonijiet dixxiplinari għall-ksur ta' dawk ir-regoli. Tali miżuri jenħtieġ li jiġu żviluppatti b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*

#### **Emenda 43**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 34e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34e) Il-ġbir tad-data huwa essenzjali biex jiġu ddokumentati każijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u jiġu pprovduti soluzzjonijiet għall-prevenzjoni tagħhom. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi kriterji komuni biex jiġu standardizzati l-proċeduri tal-ġbir tad-data fl-Istati Membri u jiġi żgurati li tinġabar data komparabbli. L-Istati Membri jenħtieġ li, fuq bażi regolari, jipprovdu lill-Kummissjoni b'data disponibbli li turi kif dawk fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti kontra l-parteċipazzjoni pubblika kisbu aċċess għas-salvagwardji stabbiliti f'din id-Direttiva. Abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti rapport kull ħames snin dwar l-ewalwazzjoni u r-rieżami ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jsiru pubbliċi.*

#### **Emenda 44**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 36**



(36) Din id-Direttiva tikkomplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”). Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u tipprovdi sett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u l-ġbir tad-data, ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

(36) Din id-Direttiva tikkomplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”). Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u tipprovdi sett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u l-ġbir tad-data, ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. ***Meta jittrasponu din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward, b'mod partikolari, tal-inklużjoni ta' salvagwardji, simili għal dawk previsti minn din id-Direttiva, b'relazżjoni ma' każijiet domestiċi mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u l-għoti ta' assistenza legali lill-konvenuti b'mod affordabbli u faċilment aċċessibbli, u jikkunsidraw l-inklużjoni fil-liġijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni tagħhom ta' dispożizzjonijiet immirati għal dak il-għan. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti wkoll jikkunsidraw li jistabbilixxu fond biex jappoġġaw lill-vittmi tal-iSLAPPs, li jenħtieġ li jintuża direttament għal tariffi legali jew l-għoti ta' għajnuna legali u appoġġ psikoloġiku.***

#### Emenda 45

#### Proposta għal direttiva Premessa 36a (ġdida)

**(36a) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar appoġġ komprensiv u miżuri preventivi, mekkaniżmi ta' appoġġ mhux finanzjarju bħall-għoti ta' ghajjnuna legali u appoġġ psikoloġiku, kif ukoll miżuri ta' taħriġ, ta' sensibilizzazzjoni u ta' ġbir tad-data. Hija tfittex ukoll li tiżgura li d-data tinġabar billi jiġu stabbiliti kriterji komuni fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi stabbilit punt fokali nazzjonali li jiġbor u jaqsam l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu gwida u appoġġ għall-persuni fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali organizzazzjonijiet jistgħu jinkludu assoċjazzjonijiet ta' professjonisti legali, kunsilli tal-media u tal-istampa, assoċjazzjonijiet komprensivi għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, assoċjazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, ditti legali li jiddefendu persuni fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika pro bono, l-uffiċċji ta' konsultazzjoni legali tal-universitajiet u organizzazzjonijiet nongovernattivi oħrajn.**

#### Emenda 46

#### Proposta għal direttiva Premessa 36b (ġdida)

**(36b) Sabiex titrawwem il-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-iSLAPPs u l-protezzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi fil-mira, huwa kruċjali li jiġu promossi l-informazzjoni rilevanti, is-sensibilizzazzjoni, il-kampanji, l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż dwar id-drittijiet u l-mekkaniżmi ta' protezzjoni**

*tagħhom.*

## Emenda 47

### Proposta għal direttiva Premessa 36c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(36c) Jenħtieġ li t-taħriġ għall-  
ġurnalisti, għall-professjonisti l-oħra fil-  
qasam tal-media u għad-difensuri tad-  
drittijiet tal-bniedem isaħħaħ il-kapaċità  
tagħhom li jindirizzaw proċedimenti  
ġudizzjarji abbużivi kontra l-  
parteċipazzjoni pubblika. Jenħtieġ li dan  
jiffoka fuq ir-rikonoxximent ta' tali  
proċedimenti ġudizzjarji, fuq kif wieħed  
għandu jaġixxi meta jkun fil-mira  
tagħhom u jinformatom dwar id-drittijiet  
u l-obbligi tagħhom sabiex ikunu jistgħu  
jieħdu l-passi meħtieġa biex jiproteġu  
lilhom infushom minn tali proċedimenti.  
It-taħriġ jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll lill-  
professjonisti legali sabiex tiżdied is-  
sensibilizzazzjoni dwar proċedimenti  
ġudizzjarji abbużivi u jkunu jistgħu  
jidentifikawhom fi stadju bikri ħafna.**

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Din id-Direttiva tippovdi salvagwardji  
kontra proċedimenti ġudizzjarji  
manifestament infondati **jew** abbużivi  
**f'materji** ċivili b'implikazzjonijiet  
**transfruntieri** miġjuba kontra persuni fiżiċi  
u ġuridiċi, **b'mod partikolari ġurnalisti u  
difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,  
minħabba l-involvement tagħhom** fil-  
parteċipazzjoni pubblika.

Din id-Direttiva tippovdi **sett ta'  
standards minimi ta' protezzjoni u**  
salvagwardji kontra proċedimenti  
ġudizzjarji manifestament infondati **u**  
abbużivi **f'materji** ċivili, **kif ukoll it-  
theddid tagħhom**, b'implikazzjonijiet  
**transfruntiera** miġjuba kontra persuni  
fiżiċi u ġuridiċi **li jinvolvu ruħhom** fil-  
parteċipazzjoni pubblika.

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Din id-Direttiva għandha tapplika għal materji ta' natura ċivili jew kummerċjali ***b'implikazzjonijiet transfruntieri***, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Din ma għandhiex tiġi estiża, b'mod partikolari, għal dħul, materji doganali jew amministrattivi jew ***għar-responsabbiltà*** tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet ***fl-eżerċizzju*** tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

*Emenda*

Din id-Direttiva għandha tapplika għal materji ta' natura ċivili jew kummerċjali ***li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, inklużi miżuri interim u kawtelatorji, kontrokawżi jew tipi partikolari oħra ta' rimedji disponibbli taħt strumenti oħrajn***, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Din ma għandhiex tiġi estiża, b'mod partikolari, għal dħul, materji doganali jew amministrattivi jew ***għar-responsabbiltà*** tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet ***fl-eżerċizzju*** tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Artikolu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

Din id-Direttiva għandha tapplika għal materji ta' natura ċivili jew kummerċjali ***b'implikazzjonijiet transfruntieri***, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Din ma għandhiex tiġi estiża, b'mod partikolari, għal dħul, materji doganali jew amministrattivi jew ***għar-responsabbiltà*** tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet ***fl-eżerċizzju*** tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

*Emenda*

#### *Artikolu 2a*

##### *Rekwiżiti minimi*

- 1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli mis-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati u abbużivi f'materji ċivili.***
- 2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-ebda ċirkostanza m'għandha tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell ta' salvagwardji diġà mogħtija mill-Istati Membri fil-materji koperti b'din id-Direttiva.***

## Emenda 51

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. “parteċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni **dwar materja ta’ interess pubbliku** u azzjoni preparatorja, ta’ appoġġ jew ta’ assistenza marbuta direttament magħha. Dan jinkludi l-ilmenti, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji **u l-parteċipazzjoni f’seduti pubbliċi**;

*Emenda*

1. “parteċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, **libertà akkademika, jew libertà ta’ assemblea u assoċjazzjoni**, u azzjoni preparatorja, ta’ appoġġ jew ta’ assistenza marbuta direttament magħha, **dwar materja ta’ interess pubbliku**. Dan jinkludi l-ilmenti, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji, **il-parteċipazzjoni f’seduti pubbliċi, il-ħolqien, l-esibizzjoni, ir-reklamar, jew promozzjoni oħra ta’ komunikazzjonijiet, publikazzjonijiet jew xogħlijiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkadeimiċi, artistiċi, satiriċi**;

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, **il-klima** jew **it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali**;

*Emenda*

(a) **id-drittijiet fundamentali, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-libertà tal-media u d-drittijiet tal-konsumatur u tax-xogħol, kif ukoll** is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent jew **il-klima**;

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-attivitajiet ta’ persuna jew entità b’viżibbiltà pubblika jew ta’ interess pubbliku;

*Emenda*

(b) l-attivitajiet ta’ persuna jew entità b’viżibbiltà pubblika jew ta’ interess pubbliku, **inklużi uffiċjali tal-gvern u**

*entitajiet privati;*

#### **Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi jew *kriminalità*;

*Emenda*

(d) allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi, *approprjazzjoni indebita, ħasil tal-flus, estorsjoni, koerċizzjoni, fastidju sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru*, jew *forom oħra ta' intimidazzjoni, jew kwalunkwe reat kriminali jew amministrattivi ieħor, inkluża l-kriminalità ambjentali*;

#### **Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) attivitajiet *immirati lejn il-ġlieda kontra* d-diżinformazzjoni;

*Emenda*

(e) attivitajiet *bil-għan li jiproteġu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, il-prinċipju ta' noninterferenza fil-proċessi demokratiċi, u li jipprovdu jew jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni bil-għan li tiġi miġġielda* d-diżinformazzjoni;

#### **Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ea) *attivitajiet akkademiċi, xjentifiċi, ta' riċerka u artistiki*;

#### **Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

“proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika” tfisser proċedimenti ġudizzjarji mressqa fir-rigward tal-parteciċipazzjoni pubblika li huma kompletament jew parzjalment infondati u li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteciċipazzjoni pubblika. Indikazzjonijiet ta’ tali skop jistgħu jkunu:

*Emenda*

“proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika” tfisser proċedimenti ġudizzjarji mressqa fir-rigward tal-parteciċipazzjoni pubblika li huma kompletament jew parzjalment infondati, **ikkaratterizzati minn elementi li jindikaw użu ħażin tal-proċess ġudizzjarju għal finijiet għajr l-affermazzjoni, il-ġustifikazzjoni jew l-eżerċitar b’mod ġenwin ta’ dritt** u li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteciċipazzjoni pubblika **b’mod abbużiv**. Indikazzjonijiet ta’ tali skop jistgħu jkunu:

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt -a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(-a) l-użu ħażin tal-vantaġġ ekonomiku jew l-inflwenza politika mir-rikorrent kontra l-konvenut, li jwassal għal żbilanċ fis-setgħat bejn iż-żewġ partijiet;**

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) intimidazzjoni, fastidju jew theddid min-naħa **tal-attur** jew tar-rappreżentanti tiegħu.

(c) intimidazzjoni, fastidju jew theddid min-naħa **tar-rikorrent** jew tar-rappreżentanti tiegħu, **qabel jew wara l-proċedimenti, kif ukoll kwalunkwe storja preċedenti ta’ intimidazzjoni mir-rikorrent.**

## Emenda 60

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) l-użu in mala fede ta' tattiċi proċedurali, bħal dewmien fil-proċedimenti, u l-għażla li tiġi segwita talba li hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qorti li tkun se tittratta t-talba bl-aktar mod favorevoli, jew il-waqfien tal-kawżi fi stadju aktar tard tal-proċedimenti.**

## Emenda 61

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-att ta' parteċipazzjoni pubblika **li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku li kontrih jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed**, jew

(a) l-att ta' parteċipazzjoni pubblika **jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed, jew minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-att innifsu, jew minħabba l-interess leġittimu li l-pubbliku jista' jieħu fil-materja kkonċernata mill-att, inkluż jekk l-att huwiex aċċessibbli permezz ta' mezzi elettroniċi**, jew

## Emenda 62

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Istati Membri **jistgħu** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitoli III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja *ex officio*.

3. L-Istati Membri **għandhom** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitoli III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja *ex officio*.



## Emenda 63

### Proposta għal direttiva Artikolu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 5a*

##### *Proċedimenti rapidi tal-qorti*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qorti jew it-tribunali aditi b'applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 jaġixxu fil-proċedimenti li fir-rigward tagħhom tkun tressqet l-applikazzjoni billi jużaw l-aktar proċeduri rapidi disponibbli skont id-dritt nazjonali, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust.*

## Emenda 64

### Proposta għal direttiva Artikolu 5b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 5b*

*Assistenza lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika jkollhom aċċess, kif xieraq, għal miżuri ta' appoġġ, b'mod partikolari dawn li ġejjin:*

*(a) informazzjoni u pariri komprehensivi u indipendenti li jkunu faċilment aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas dwar proċeduri u rimedji disponibbli, dwar il-protezzjoni mill-intimidazzjoni, mill-fastidju jew mit-theddid ta' azzjoni legali, u dwar id-drittijiet tagħhom; u*

*(b) għajnuna legali f'konformità*

*mad-Direttiva 2003/8/KE tal-Kunsill, u, f'konformità mad-dritt nazzjonali, ghajjnuna legali fi proċedimenti ulterjuri, u konsulenza legali jew assistenza legali oħra;*

*(c) assistenza finanzjarja u miżuri ta' appoġġ, inkluż appoġġ psikoloġiku, għal dawk fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti abbużivi kontra l-parteciġazzjoni pubblika.*

## Emenda 65

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li ***l-organizzazzjonijiet mhux governattivi*** li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jieħdu sehem f'dawk il-proċedimenti, jew b'appoġġ tal-konvenut jew sabiex jipprovdu informazzjoni.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li ***assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u korpi kollettivi oħra, bħat-trade unions, u kwalunkwe entità legali oħra li, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, għandhom interess leġittimu*** li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jieħdu sehem f'dawk il-proċedimenti, jew ***f'isem jew*** b'appoġġ tal-konvenut, ***bl-approvazzjoni tiegħu,*** jew sabiex jipprovdu informazzjoni, ***fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet eżistenti ta' rappreżentanza u intervent kif garantiti minn regoli oħra tal-Unjoni jew nazzjonali.***

## Emenda 66

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika, il-qorti jew it-tribunal aditi jkollhom is-setgħa li jeħtieġu ***lill-attur*** jagħti garanzija għall-ispejjeż ***proċedurali, jew għall-ispejjeż*** u d-danni ***proċedurali***, jekk iqisu li tali garanzija hija xierqa fid-dawl tal-preżenza ta' elementi li jindikaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi.

*Emenda*

L-istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika, il-qorti jew it-tribunal aditi jkollhom is-setgħa li jeħtieġu ***lir-rikorrent*** jagħti garanzija għall-ispejjeż ***tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut*** u d-danni, jekk iqisu li tali garanzija hija xierqa fid-dawl tal-preżenza ta' elementi li jindikaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi. ***Meta d-dritt nazzjonali jipprevedi tali possibbiltà, tista' tingħata garanzija lill-konvenut fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti tal-qorti.***

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw rikors għal każda bikrija. Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

*Emenda*

2. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw rikors għal każda bikrija. Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati, ***raġonevoli*** u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***attur*** li jkun ippreżenta proċedimenti ġudizzjarji

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li ***rikorrent*** li jkun ippreżenta proċedimenti

abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika ***jkun jista'*** jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi.

ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. ***Meta d-dritt nazzjonali ma jiggerantix l-għoti bis-sħiħ tal-ispejjeż tar-rappreżentanza legali lil hinn mit-tabelli tat-tariffi statutorji, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali spejjeż jiġu koperti bis-sħiħ b'mezzi oħra disponibbli skont id-dritt nazzjonali, u, meta jkun xieraq, permezz ta' kumpens għad-danni f'konformità mal-Artikolu 15.***

## Emenda 69

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti abbużivi tal-qorti kontra l-parteċipazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti abbużivi tal-qorti kontra l-parteċipazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara, ***li tkopri ħsara materjali jew mhux materjali, inkluża l-ħsara għar-reputazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li jinbdev proċedimenti tal-qorti separati għal dak il-għan.***

## Emenda 70

### Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew it-tribunali li jimponu penali jqisu kif xieraq:***

***(i) is-sitwazzjoni ekonomika tar-***

*rikorrent;*

*(ii) in-natura u l-għadd tal-elementi li jindikaw abbuż identifikat.*

## **Emenda 71**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 16a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 16a**

##### **Reġistri nazzjonali**

*L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu reġistru aċċessibbli għall-pubbliku tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-qorti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali.*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi għall-involviment f'parteċipazzjoni pubblika jkunu tressqu f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz kontra persuna fiżika jew ġuridika ddomiċiljata fi Stat Membru, dik il-persuna *tista'* titlob, fil-qrati jew fit-tribunali tal-post fejn tkun iddomiċiljata, kumpens għad-danni u l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz, irrispettivament mid-domiċilju *tal-attur* fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi għall-involviment f'parteċipazzjoni pubblika jkunu tressqu f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz kontra persuna fiżika jew ġuridika ddomiċiljata fi Stat Membru, dik il-persuna *għandu jkollha d-dritt li* titlob, fil-qrati jew fit-tribunali tal-post fejn tkun iddomiċiljata, kumpens għad-danni u l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz, irrispettivament mid-domiċilju *tarikorrent* fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

## **Emenda 73**

**Proposta għal direttiva  
Kapitolu Va (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Kapitolu Va**

**Ġuriżdizzjoni, liġi applikabbli u  
relazzjonijiet ma' strumenti tad-dritt  
internazzjonali privat tal-Unjoni**

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18a**

**Ġuriżdizzjoni għal talbiet ta' malafama**  
**F'talbiet għal malafama jew talbiet oħra**  
**bbażati fuq il-liġi ċivili jew kummerċjali li**  
**jistgħu jikkostitwixxu talba skont din id-**  
**Direttiva, id-domiċilju tal-konvenut**  
**għandu jitqies bħala l-unika ġuriżdizzjoni,**  
**wara li jkunu ġew ikkunsidrati kif xieraq**  
**il-każijiet li fihom il-vittmi ta' malafama**  
**jkunu persuni fiżiċi.**

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 18b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18b**

**Relazzjonijiet mar-Regolament Brussell I**  
**Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 18a ta' din id-**  
**Direttiva, din id-Direttiva ma għandhiex**  
**taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament**  
**Brussell I.**

## **Emenda 76**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 18c**

***Liġi applikabbli għall-pubblikazzjonijiet  
bħala att ta' parteċipazzjoni pubblika***

***F'talbiet li jirrigwardaw publikazzjoni  
bħala att ta' parteċipazzjoni pubblika, il-  
liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-  
post li lejha tkun diretta dik il-  
publikazzjoni. F'każ li ma jkunx  
possibbli li jiġi identifikat il-post li lejha  
tkun diretta l-publikazzjoni, il-liġi  
applikabbli għandha tkun il-liġi tal-post  
tal-kontroll editorjali jew tal-attività  
editorjali rilevanti fir-rigward tal-att ta'  
parteċipazzjoni pubblika.***

## **Emenda 77**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 18d**

***Relazzjonijiet mar-Regolament Ruma II  
Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 18c ta' din id-  
Direttiva, din id-Direttiva ma għandhiex  
taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament  
Ruma II.***

## **Emenda 78**

### **Proposta għal direttiva Kapitolu Vb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Kapitolu Vb**  
**Dispożizzjonijiet oħra**

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 18e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18e**  
**Reġistru tal-Unjoni**

*Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tistabbilixxi reġistru tal-Unjoni aċċessibbli għall-pubbliku abbażi tal-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 16a tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-qorti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.*

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 18f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 18f**  
**Sensibilizzazzjoni**

*L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, bil-għan li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u s-salvagwardji proċedurali stabbiliti f'din id-Direttiva kontrihom. Tali azzjoni tista' tinkludi kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka*



*u edukazzjoni, meta jkun xieraq,  
b'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet  
rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet  
ikkonċernati oħra.*

## **Emenda 81**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18g (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 18g**

##### **Punt uniku ta' servizz**

*L-Istati Membri għandhom, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jieħdu miżuri xierqa biex jistabbilixxu “punt uniku ta' servizz” li jinkludi n-networks nazzjonali ddedikati ta' avukati speċjalizzati, ġuristi u psikologi, li l-persuni fil-mira tal-iSLAPPs jistgħu jikkuntattjaw, u li permezz tagħhom jistgħu jirċievu gwida u aċċess faċli għal informazzjoni dwar l-iSLAPPs, u protezzjoni kontrihom, inkluż fir-rigward tal-għajnuna legali, l-appoġġ finanzjarju u l-appoġġ psikoloġiku.*

## **Emenda 82**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18h (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 18h**

##### **Taħriġ tal-ġuristi**

*1. B'rispett dovut għall-indipendenza tal-professjoni legali, l-Istati Membri għandhom jirrakkomandaw li dawk reponsabbli mit-taħriġ tal-avukati jagħmlu disponibbli kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-kawżi strateġiċi*

*kontra l-parteċipazzjoni pubblika u s-salvagwardji proċedurali kontrihom previsti f'din id-Direttiva.*

*2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu li dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin jagħmlu disponibbli kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat biex l-imħallfin isiru aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika.*

*3. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew bil-finanzjament tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ tal-iSLAPP, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu inizjattivi li jippermettu lil dawk li jipprovdu appoġġ lil dawk fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika biex jirċievu taħriġ adegwat.*

## **Emenda 83**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 18i (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 18i**

##### **Kooperazzjoni u koordinazzjoni tas-servizzi**

*L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għat-titjib tal-aċċess ta' dawk fil-mira tal-proċedimenti tal-qorti manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika għal informazzjoni dwar is-salvagwardji proċedurali previsti f'din id-Direttiva u skont id-dritt nazzjonali. Tali kooperazzjoni għandha tal-inqas tkun*

*immirata lejn:*

- (a) l-iskambju tal-prattiki attwali; u*
- (b) l-għoti ta' assistenza lin-networks Ewropej li jaħdmu fuq materji direttament rilevanti għal dawk fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.*

#### **Emenda 84**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 18j (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 18j*

*Regoli deontoloġiċi għall-professjonisti  
legali*

*L-Istati Membri, b'rispett dovut għall-indipendenza tal-professjoni legali, għandhom jinkoraġġixxu l-adozzjoni minn assoċjazzjonijiet professjonali ta' regoli deontoloġiċi li jiggwidaw l-imġiba tal-professjonisti legali biex jinkoraġġixxu t-teħid ta' kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, u meta jkun xieraq, iqisu miżuri li jindirizzaw kwalunkwe ksur ta' dawk ir-regoli.*

#### **Emenda 85**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 18k (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 18k*

*Ġbir tad-data*

- 1. L-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom dwar l-istatistika ġudizzjarja, għandhom jinkarigaw awtorità waħda jew aktar bir-*

*responsabbiltà li jiġbru u jaggregaw data dwar proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika mibdija fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.*

*2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, b'mod partikolari, il-kriterji li ġejjin:*

*(a) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra kawżi ta' parteċipazzjoni pubblika, mibdija fis-sena rilevanti;*

*(b) l-għadd ta' proċedimenti tal-qorti abbużivi kontra każijiet ta' parteċipazzjoni pubblika miċħuda kmieni minħabba li jkun dipendenti fuq talbiet kompletament jew parzjalment infondati;*

*(c) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji, ikklassifikati skont it-tip ta' konvenut (eż. ġurnalist, difensur tad-drittijiet tal-bniedem, organizzazzjoni tal-media);*

*(d) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji, ikklassifikati skont it-tip ta' rikorrent (eż. politiku, persuna privata, kumpanija, jekk ir-rikorrent huwiex entità barranija);*

*(e) ċifri dwar atti ta' parteċipazzjoni pubblika li dwarhom infetħu proċedimenti ġudizzjarji;*

*(f) ċifri dwar l-istimi tal-ammont tad-danni inizjali mitlubin mir-rikorrenti;*

*(g) deskrizzjoni tal-bażijiet legali differenti li r-rikorrenti jistrieħu fuqhom u ċ-ċifri relatati;*

*(h) ċifri dwar it-tul tal-proċedimenti, inklużi l-istanzi kollha;*

*(i) ċifri dwar elementi transfruntiera;*

*(j) meta tkun disponibbli, data oħra, inkluż dwar l-ispejjeż ġudizzjarji tal-proċedimenti u, meta jkun rilevanti u xieraq, ċifri rilevanti dwar l-isfond storiku tal-każijiet;*

*(k) it-tip ta' talba maħruġa abbażi ta' din id-Direttiva u, meta jkun xieraq, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tikkomplementaha.*

## Emenda 86

### Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni *ta'* din id-Direttiva *mhux aktar tard minn [ħames (5) snin mid-data tat-traspożizzjoni]*. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard minn *[6 snin mid-data tat-traspożizzjoni]*, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tal-impatt ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni *ta'* din id-Direttiva, *b'mod partikolari id-data disponibbli li turi kif dawk fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika użaw is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva, sa [fliet snin mid-data tat-traspożizzjoni]*. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard minn *[erba' snin mid-data tat-traspożizzjoni] u kull ħames snin wara dan*, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tal-impatt ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri *filwaqt li jqis il-kuntest nazzjonali f'kull Stat Membru, inkluża l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni*. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva. *Dawk ir-rapporti għandhom ikunu publiċi.*

## Emenda 87

### Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn *[sentejn (2)]* mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn *[sena]* mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. ***Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir tali ir-referenza.***

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva wkoll għall-każijiet pendenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ tar-regoli nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.***

24.5.2023

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ramona Strugariu

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) mhumiex problema ġdida għall-Unjoni Ewropea. L-okkorrenza ta' tali kawżi ilha tiżdied fl-Ewropa b'mod kostanti, kif huwa ddokumentat minn diversi organizzazzjonijiet indipendenti li jimmonitorjaw il-fenomenu. Ir-riċerka u s-sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjoni żdiedu aktar wara l-assassinju tal-ġurnalista investigattiva Maltija Daphne Caruana Galizia f'Ottubru 2017. Meta nqatlet, Daphne Caruana Galizia kellha 48 kawża bħal dawn kontriha. Dawn il-proċedimenti abbużivi komplew saħansitra wara mewtha, meta ġew mgħoddija lill-familja tagħha, u b'hekk ikkawżaw piżijiet finanzjarji u psikoloġiċi enormi għall-persuni fil-mira tagħhom.

Ir-riċerka li saret mill-Koalizzjoni Kontra l-iSLAPPs fl-Ewropa (CASE) enfasizzat iż-żieda kontinwa fl-għadd ta' SLAPPs mill-2016, b'ċifri li żdiedu b'aktar minn 400 % fl-2021. Ir-riċerka tal-CASE tissottolinja l-kobor tal-problema u turi li fil-Kroazja biss, sa April 2021, ġew identifikati kważi 1 000 kawża attiva kontra l-media. Ir-riċerka ppreżentat diversi eżempji minn Stati Membri differenti bħall-Polonja, Franza, l-Italja, Malta jew is-Slovenja, li jissottolinjaw id-dimensjoni Ewropea tal-kwistjoni u l-ħtieġa ta' soluzzjoni Ewropea komuni.

L-iSLAPPs jistgħu jkunu talbiet kompletament jew parzjalment infondati. Madankollu, iż-żewġ punti komuni li jiddeżinjaw l-iSLAPPs huma l-użu abbużiv tal-proċess ġudizzjarju u l-użu tagħhom fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika. Għalhekk, l-iSLAPPs jinfetħu għal skopijiet oħra minbarra biex ġenwinament jafferimaw, jiġġustifikaw jew jeżerċitaw dritt u pjuttost għandhom l-għan li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteċipazzjoni pubblika. Permezz tal-użu abbużiv tas-sistema ġudizzjarja, l-iSLAPPs mhux biss jikkawżaw ħsara finanzjarja u psikoloġika sinifikanti lill-vittmi tagħhom, iżda jirrestrinġu wkoll l-aċċess għall-ġustizzja minn ċittadini oħra, billi jgħabbu s-sistema ġudizzjarja b'mod eċċessiv. Tali talbiet spiss, iżda mhux dejjem, ikunu kkaratterizzati minn żbilanċ fil-poter. L-eżistenza ta' proċedimenti multipli, in-natura sproporzjonata tat-talba, kif ukoll l-użu ta' tattiċi dilatorji u vessatorji huma indikazzjonijiet oħra tan-natura abbużiva tal-iSLAPPs. L-approċċ magħżul huwa li tinholq definizzjoni ċara li tinkludi kemm talbiet manifestament infondati kif ukoll

talbiet li jkollhom xi mert legali, iżda li jinvolvu l-karatteristiċi msemmija hawn fuq u jwasslu għal abbuż mid-drittijiet.

Il-vittmi tal-iSLAPPs ikopru varjetà wiesgħa ta' individwi. Il-vittmi jistgħu jkunu kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi u jvarjaw minn ġurnalisti u strumenti tal-media, għal attivisti, edituri, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u saħansitra individwi privati waħedhom. Il-punt komuni ta' dawn il-kategoriji huwa l-involvement tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika. L-iSLAPPs jistgħu jintużaw direttament jew indirettament kontra kwalunkwe persuna involuta fil-parteċipazzjoni pubblika u jista' jkollhom fil-mira wkoll lil individwi involuti f'attivitajiet preparatorji jew ta' appoġġ tagħhom. Din id-Direttiva trid toffri l-protezzjoni xierqa għal dawn il-kategoriji kollha.

Sabiex il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti u komprensiv, id-definizzjoni ta' parteċipazzjoni pubblika trid titwessa' wkoll, biex tinkludi attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' diversi drittijiet, minbarra dak tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni. Sitwazzjonijiet prattiċi wrew li d-definizzjoni għandha tinkludi lista mhux eżawrjenti li tkopri, fost l-oħrajn, il-libertajiet ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda, kif ukoll il-libertajiet akkademiċi. Minħabba l-għadd kbir ta' SLAPPs kontra l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, huwa essenzjali li l-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media jiġu koperti mid-definizzjoni ta' dak li jikkonstitwixxi kwistjoni ta' interess pubbliku marbuta mal-involvement fil-parteċipazzjoni pubblika.

Sabiex din id-Direttiva tipproduċi l-effett mixtieq tal-protezzjoni ta' dawk involuti fil-parteċipazzjoni pubblika minn litigazzjoni abbużiva, id-dispożizzjonijiet tagħha jridu jiddeskrivu diversi salvagwardji proċedurali, inkluż mekkaniżmu effettiv ta' każda bikrija, disponibbli jew *ex officio* jew mal-applikazzjoni tal-konvenut. L-ammissibbiltà ta' mekkaniżmu ta' każda bikrija ma tistax tkun soġġetta għal limitu oġġla minn dak ta' salvagwardji proċedurali oħra. Id-Direttiva ma tridx tiddiskrimina bejn kategoriji differenti ta' SLAPPs. Għaldaqstant, il-mekkaniżmu għandu jittwessa' u jkun aċċessibbli għall-vittmi kollha tal-iSLAPPs. L-approċċ propost fir-rigward tas-salvagwardji proċedurali u, b'mod partikolari, tal-mekkaniżmu ta' każda bikrija, huwa li tiġi abbandunata d-dikotomija tal-Kummissjoni bejn kawżi manifestament infondati u abbużivi.

Għall-finijiet ta' mekkaniżmu effettiv ta' każda bikrija, l-oneru tal-provi għall-valutazzjoni tal-qorti dwar il-materja jaqa' fuq l-attur. L-approċċ propost huwa li l-attur jintalab jistabbilixxi biss kawża *prima facie* għal kull element tal-kawża ta' azzjoni, meta jkun hemm ċertezza li t-talba mhijiex abbużiva. Dan il-limitu jibbilanċja d-drittijiet tal-konvenut ma' dak tal-aċċess għall-ġustizzja min-naħa tal-attur, minħabba l-abbandun tad-disponibbiltà inizjali tal-mekkaniżmu ta' każda bikrija biss għal kawżi manifestament infondati.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija l-ewwel pass eċċellenti lejn it-tmien ta' litigazzjoni abbużiva kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tiġi fi żmien meta l-istatistika enfasizzat il-ħtieġa ta' soluzzjoni Ewropea komuni. Madankollu, il-proposta tindirizza biss parti żgħira mill-problema, peress li l-livell ta' kompetenza tal-Unjoni huwa limitat f'materji ta' liġi proċedurali. Għalhekk huwa essenzjali li jittieħdu miżuri ulterjuri mill-Istati Membri li jikkomplementaw dawk meħuda fil-livell tal-Unjoni. Mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx jillimitaw l-estensjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet biss għal kawżi transfruntieri f'materji ta' liġi ċivili u kummerċjali, iżda għandhom jestenduhom ukoll għal kawżi nazzjonali u għal kawżi rregolati mil-liġi kriminali. Fl-istess waqt, wara l-perjodu



ta' rieżami, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll il-possibbiltà li tindirizza l-kawżi kriminali tal-iSLAPPs, permezz tal-miżuri legali xierqa.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni li takkumpanja din il-proposta leġiżlattiva hija essenzjali wkoll għall-effettività tagħha. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll l-introduzzjoni ta' regoli apposta li jirregolaw il-kodiċijiet ta' etika tal-avukati u ta' professjonisti legali oħra, biex tiġi sanzjonata l-parteċipazzjoni fil-ftuħ ta' SLAPPs jew biex dawn jiġu moħbija bħala talbiet fondati.

Finalment, bħala pass ieħor 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-Regolamenti Brussell Ia u Ruma II, sabiex tindirizza kwalunkwe każ ieħor potenzjali ta' għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni, mhux kopert minn din id-Direttiva.

## EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji **manifestament infondati jew** abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")

*Emenda*

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva

#### Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,**

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") tipprevedi, inter alia, id-drittijiet **għar-rispett tal-ħajja** privata u tal-familja (l-Artikolu 7), **il-protezzjoni** tad-data personali (l-Artikolu 8), **il-libertà** tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") tipprevedi, inter alia, id-drittijiet **tar-rispett għall-ħajja** privata u tal-familja (l-Artikolu 7), **tal-protezzjoni** tad-data personali (l-Artikolu 8), **tal-libertà** tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li

r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), u għal rimedju effettiv u *smigħ ġust* (l-Artikolu 47).

tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), *il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 12), il-libertà tal-arti u x-xjenzi (l-Artikolu 13), u d-dritt* għal rimedju effettiv u *għal proċess imparzjali* (l-Artikolu 47). *L-Artikolu 12 tal-Karta jiggarantixxi b'mod espliċitu d-dritt ta' kull persuna li tiffirma u tissieħeb ma' trade unions għall-protezzjoni tal-interessi tagħha, u dan huwa kkonsolidat ulterjorment fl-Artikolu 28 tal-Karta, li jiggarantixxi d-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettiva.*

**Emenda 4**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika u irrispettivament mill-fruntieri. L-Artikolu 11 tal-Karta *għandu* jingħata t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (“KEDB”) dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“QEDB”).

*Emenda*

(3) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika u irrispettivament mill-fruntieri. L-Artikolu 11 tal-Karta *jenħtieġ li* jingħata t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (“KEDB”) dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“QEDB”). *Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni tqies b'mod konsistenti mill-QEDB bħala wieħed mill-“pedamenti essenzjali” ta' soċjetà demokratika u kemm il-Karta kif ukoll il-KEDB jipprevedu dritt wiesa' ħafna li wieħed jesprimi ruħu liberament.*

**Emenda 5**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 3a (ġdida)**

**(3a) Kif rikonoxxut minn ġurisprudenza konsistenti tal-QEDB fir-riġward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-KEDB, li fid-dawl tagħha l-Karta trid tiġi interpretata u applikata skont l-Artikolu 52(3) tagħha, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni huwa interkonness mill-qrib mal-eżerċizzju ta' drittijiet u libertajiet oħra, inkluż id-dritt għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-arti u x-xjenzi, inkluża l-libertà akkademika. Il-KEDB timponi wkoll obbligu pożittiv fuq l-Istati kontraenti biex jissalvagwardjaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-media u jgħallqu ambjent favorevoli għall-parteeċipazzjoni fid-dibattitu pubbliku.**

**Emenda 6  
Proposta għal direttiva  
Premessa 3b (ġdida)**

**(3b) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni huwa dritt fundamentali li jrid jiġi eżerċitat fil-kuntest tal-prinċipju tal-“ibbilanċjar tad-drittijiet”, kif preskritt mill-ġurisprudenza tal-QEDB u f'konformità mal-Artikolu 54 tal-Karta.**

**Emenda 7  
Proposta għal direttiva  
Premessa 4**

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprovdi **protezzjoni lill-persuni** fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprovdi **regoli minimi fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura l-protezzjoni ta' persuni** fiżiċi **jew** ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika dwar

ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, **kontra** proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu kontribom sabiex jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa strategic lawsuits against public participation (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew “SLAPPs”).

materji ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-ġurnalisti, **l-istabilimenti/organizzazzjonijiet tal-media, il-pubblikaturi** u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, **inklużi s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions, kif ukoll ir-riċerkaturi, l-akkademiċi jew l-artisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent, u tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+, l-attivisti, it-trade unions, il-bloggers, l-informaturi jew l-oppożizzjoni politika, minn** proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu kontribom, **kif ukoll mit-theddid li jinfetħu**, sabiex jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa strategic lawsuits against public participation (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew “SLAPPs”).

**Emenda 8**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika għandhom rwol importanti fid-difiża tad-dibattitu pubbliku, tad-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt, kif ukoll fit-tisħiħ tad-demokrazija, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Unjoni.**

**Emenda 9**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu

pubbliku u fit-twassil u l-akkoljenza ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Huwa essenzjali li jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex **jiġġieldu** d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. Il-ġurnalisti **għandhom ikunu** jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokraziji Ewropej.

pubbliku u fit-twassil u l-akkoljenza ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. **Ġurnaliżmu indipendenti, imparzjali, professjonali u responsabbli kif ukoll l-aċċess għal informazzjoni pluralistika huma pilastr fundamentali tad-demokrazija.** Huwa essenzjali li **l-ġurnalisti** jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex **jirrapportaw b'mod indipendenti minn kwalunkwe pressjoni, peress li dawn l-aspetti huma kollha essenzjali biex jiġu miġġielda** d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. Il-ġurnalisti **jenħtieġ li jkunu** jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv **u mingħajr biża'** sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokraziji Ewropej. **Madankollu, il-ġurnalisti jiffaċċjaw ambjent dejjem aktar diffiċli biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, li fih l-iSLAPPs, flimkien ma' pressjoni kummerċjali u politika, ammonti kbar ħafna ta' xogħol, prekarjetà fil-karriera jew awtoċensura joħlqu theddida sinifikanti għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.**

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 6**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-ġurnalisti investigattivi **għandhom rwol ewlieni *fil-ġlieda kontra l-kriminalità*** organizzata, il-korruzzjoni **u** l-estremiżmu. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw għadd dejjem akbar ta' attacchi u fastidju. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji sabiex **ikunu** jistgħu jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku **leġittimu**.

#### *Emenda*

(6) Il-ġurnalisti investigattivi **u l-organizzazzjonijiet tal-media b'mod partikolari** għandhom rwol ewlieni ***fil-kxif, fost affarijiet oħra, tal-kriminalità*** organizzata, ***l-abbuż ta-poter, il-korruzzjoni, il-prassi ħażina, in-nepotiżmu, sitwazzjonijiet ta' revolving doors, ksur tad-drittijiet fundamentali u l-estremiżmu vjolenti***. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw għadd dejjem akbar ta' attacchi, ***qtil, theddid, intimidazzjoni*** u

fastidju. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji **u protezzjoni, anki biex jiġu protetti s-sikurezza fiżika u l-ħajja tagħhom u biex jinbdew investigazzjonijiet dwar l-assassinji li jkunu vittmi tagħhom, sabiex il-ġurnalisti investigattivi jkunu** jistgħu jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku, **mingħajr biża' ta' kastig talli jfittxu l-informazzjoni u jgħadduha lill-pubbliku.**

**Emenda 11**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokrazija Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. Dawn **għandhom ikunu** jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol jew il-libertajiet reliġjużi. Il-parteeċipanti l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku, bħall-akkademiċi **u r-riċerkaturi**, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata.

*Emenda*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokrazija Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali, **tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u tal-istat tad-dritt. Dawn **jenħtieġ li jkunu** jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika, **jiżguraw l-obbligu ta' rendikont** u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi, **il-gruppi** jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet **ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali**, ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol, **id-drittijiet tat-trade unions** jew il-libertajiet reliġjużi. Il-parteeċipanti l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku, bħall-akkademiċi, **ir-riċerkaturi, l-artisti, l-informaturi u l-oppożizzjoni politika, kif ukoll l-individwi**, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata, **peress li huma**

*wkoll huma fil-mira ta' SLAPPs.*

**Emenda 12**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) L-akkademiċi u r-riċerkaturi, li jeżerċitaw kemm id-dritt kif ukoll l-obbligu tagħhom li jesprimu ruħhom fil-qasam tal-għarfien espert tagħhom, jikkontribwixxu b'mod fundamentali għad-diskors pubbliku u għat-tixrid tal-għarfien, u jiżguraw li d-dibattitu demokratiku jkun jista' jseħħ fuq bażi infurmata. L-użu ta' strumenti legali għal finijiet ta' intimidazzjoni li ttiprova twaqqaf lill-akkademiċi u lir-riċerkaturi milli jkkomunikaw dwar kwistjonijiet relatati mal-attivitajiet xjentifiċi tagħhom huwa ksur dirett tal-libertà akkademika u jipperikola r-rwol kruċjali tal-akkademiċi fl-oqsma kollha ta' xogħolhom, inkluż fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni.*

**Emenda 13**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7b) Id-difensuri ambjentali għandhom ukoll rwol essenzjali fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u fl-ilħuq tal-objettivi ambjentali stabbiliti mill-Unjoni Ewropea, u bl-ebda mod m'għandhom jiġu ppersegwitati jew iffastidjati għall-involviment tagħhom f'attivitajiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ambjentali u klimatiċi. F'dawn l-aħħar snin, id-difensuri ambjentali kienu vittmi ta' numru dejjem akbar ta' każijiet ta' qtil, theddid, fastidju, intimidazzjoni, kampanji ta' malafama,*



*kriminalizzazzjoni u fastidju ġudizzjarju.*

**Emenda 14**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7c) Id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+ għandhom ukoll rwol strumentali fil-promozzjoni u fid-difiża tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll fl-għoti ta' appoġġ u protezzjoni lill-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ qed jiġu attakkati dejjem aktar u qed jiffaċċjaw theddid, inkluż għal ħajjithom, u vjolenza li jwasslu għall-awtoċensura. Matul is-snin, l-iSLAPPs intużaw dejjem aktar biex jikkriminalizzaw is-solidarjetà, kif ukoll kontra l-attivisti li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, sabiex ifixklu l-progress fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u dan qed iqajjem dejjem aktar dubji dwar ir-rwol tagħhom bħala gwardjani pubbliċi u jikkontribwixxi għall-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili fl-Unjoni.*

**Emenda 15**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) Sabiex jitrawwem dan l-ambjent, huwa importanti li l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, ***iżda biex jissikkett id-dibattitu pubbliku tipikament bl-użu tal-fastidju*** u l-

(9) Sabiex jitrawwem dan l-ambjent, huwa importanti li ***l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari l-ġurnalisti, l-informaturi, l-attivisti, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, l-artisti*** u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u t-trade unions*** jiġu protetti

intimidazzjoni.

minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, **sabiex ġenwinament jiġi affermat, iġġustifikat jew eżerċitat dritt, iżda biex tiġi pprevenuta, ristretta jew penalizzata l-parteċipazzjoni pubblika, bl-għan aħħari li jissikket id-dibattitu pubbliku u li jiġu evitati l-investigazzjoni u r-rapportar dwar ksur tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, korruzzjoni u Prattiki abbużivi oħra. Tali Prattiki spiss jużaw il-fastidju u l-intimidazzjoni.**

**Emenda 16**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-iSLAPPs tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju **individwi**, gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet **u organi tal-istat**. Dawn spiss jinvolvu żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, fejn l-attur ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. **Għalkemm ma humiex** komponent **indispensabbli** ta' **kawża** bħal dawn, fejn ikun preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

*Emenda*

(10) L-iSLAPPs tipikament jinfetħu minn **individwi jew** entitajiet b'saħħithom, pereżempju gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet, **uffiċjali pubbliċi, entitajiet u awtoritajiet ikkontrollati mill-Istat, inklużi politiċi u awtoritajiet ġudizzjarji f'tentattiv li jissikket id-dibattitu pubbliku. Il-vittmi tal-iSLAPPs jistgħu jittellgħu l-qorti talli jkunu esprimew fehmiet kritiċi dwar imġiba jew talli ddenunzjaw illeċiti, u** spiss jinvolvu żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, fejn l-attur ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. **Żbilanċ fil-poter huwa** komponent **sinifikanti u rikorrenti** ta' **każijiet** bħal dawn, **iżda jista' jkun nieqes f'xi każijiet li jissodisfaw il-kriterji tal-iSLAPPs, jekk ikunu preżenti komponenti oħra li jikkarakterizzaw SLAPP. Il-każijiet li fihom ma jkunx hemm żbilanċ fil-poter jenħtieġ li jiġu interpretati b'kawtela, sabiex jiġi evitat li NGOs, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti, ġurnalisti u persuni oħra li jirrikorru għall-qrati in bona fide biex jiddefendu ruħhom minn kummenti malafamanti minn atturi b'saħħithom ma**

*jkunux soġġetti għal allegazzjonijiet ta' SLAPP.* Fejn ikun preżenti, zbilanè fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

**Emenda 17**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ta' deterrent fuq il-ħidma tagħhom billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura b'antiċipazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

*Emenda*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom, ***kif ukoll jikkawżawhom ħsara psikoloġika***. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-ġurnalisti, ***l-informaturi, l-attivisti, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, l-artisti*** u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ***inklużi s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika***. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ta' deterrent fuq il-ħidma tagħhom billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura b'antiċipazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

**Emenda 18**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 12**

(12) ***Dawk immirati mill-proċedimenti*** ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jiffaċċjaw diversi kawżi simultanament, xi drabi mibdija f' diversi ġurisdizzjonijiet. Il-proċedimenti mibdija fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed kontra persuna residenti fi Stat Membru ieħor normalment ikunu aktar kumplessi u għaljin għall-konvenut. L-atturi fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jużaw ukoll għodod proċedurali sabiex iżidu t-tul u l-kost tal-litigazzjoni, u jressqu kawżi f' ġurisdizzjoni li huma jqisu li hija favorevoli għall-kawża tagħhom, aktar milli quddiem qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' t-talba. Prattiki bħal dawn ipoġġu wkoll piżijiet bla bżonn u ta' ħsara fuq is-sistemi tal-qrati nazzjonali.

**Emenda 19**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

(13) Is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba l-involviment tagħha f' parteċipazzjoni pubblika. ***Għandhom*** jipproteġu wkoll lill-persuni fiżiċi jew

(12) ***Il-persuni fil-mira ta' proċedimenti*** ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jiffaċċjaw diversi kawżi simultanament, ***li jistgħu jkunu ċivili, amministrattivi jew kriminali jew taħlita ta' dawn***, xi drabi mibdija f' diversi ġurisdizzjonijiet. ***Skont dak li jiġi rrapportat, il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika huma kawżi kriminali u nazzjonali.*** Il-proċedimenti mibdija fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed kontra persuna residenti fi Stat Membru ieħor normalment ikunu aktar kumplessi u għaljin għall-konvenut. L-atturi fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jużaw ukoll għodod proċedurali sabiex iżidu t-tul u l-kost tal-litigazzjoni, u jressqu kawżi f' ġurisdizzjoni li huma jqisu li hija favorevoli għall-kawża tagħhom, aktar milli quddiem qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' t-talba. ***It-tul tal-proċeduri, il-persjoni finanzjarja u t-theddida ta' sanzjonijiet, b'mod partikolari sanzjonijiet kriminali, jikkostitwixxu għodod b'saħħithom biex il-vuċijiet kritiċi jiġu intimidati u msikkta.*** Prattiki bħal dawn ipoġġu wkoll piżijiet bla bżonn u ta' ħsara fuq is-sistemi tal-qrati nazzjonali ***u jwasslu għall-użu ħażin tar-riżorsi tagħhom.***

(13) Is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba l-involviment ***dirett jew indirett*** tagħha f' parteċipazzjoni pubblika. ***Jenħtieġ li*** jipproteġu wkoll lill-persuni

ġuridiċi li, jew fuq bażi professjonali jew personali, jappoġġaw, jassistu jew jipprovdu oġġetti jew servizzi lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteciġazzjoni pubblika fuq materja ta' interess pubbliku. Dan jinvolvi pereżempju ***l-fornituri*** tal-internet, il-pubblikaturi jew l-istamperiji, li jiffaċċjaw jew huma mhedda bi proċedimenti ġudizzjarji talli jipprovdu servizzi lill-persuna fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji.

**Emenda 20**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

fiżiċi jew ġuridiċi li, jew fuq bażi professjonali jew personali, jappoġġaw, jassistu jew jipprovdu oġġetti jew servizzi lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteciġazzjoni pubblika fuq materja ta' interess pubbliku. Dan jinvolvi pereżempju ***l-membri tal-familja, l-istabilimenti tal-media, il-fornituri*** tal-internet, il-pubblikaturi jew l-istamperiji, li jiffaċċjaw jew huma mhedda bi proċedimenti ġudizzjarji talli ***jassistu***, jipprovdu ***appoġġ jew*** servizzi lill-persuna fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji.

*Emenda*

***(13a) Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tiskoraġġixxi l-użu abbużiv ta' proċeduri ta' qabel il-proċess, bħal ittri ta' twissija u dikjarazzjonijiet ta' waqfien u ebda tkompliġa li jintużaw biex isikkta lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteciġazzjoni pubblika. Billi l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteciġazzjoni pubblika jingħataw l-għodod biex jiġġieldu talbiet abbużivi fil-qorti b'mod effettiv, id-Direttiva tgħin ukoll biex jiġu pprevenuti tali tattiki ta' intimidazzjoni.***

**Emenda 21**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Din id-Direttiva ***għandha*** tapplika għal kwalunkwe tip ta' talba legali jew azzjoni ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. ***Dan jinkludi*** talbiet ċivili mressqa fi

*Emenda*

(14) Din id-Direttiva ***jenħtieġ li*** tapplika għal kwalunkwe tip ta' talba legali jew azzjoni ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri, ***inklużi talbiet pendenti quddiem qorti nazzjonali fi żmien id-dħul fis-seħħ tagħha***, tkun xi

proċedimenti kriminali. **Dan jinkludi** wkoll miżuri interim u kawtelatorji, kontrokawżi jew tip partikolari ieħor ta' rimedji disponibbli taħt strumenti oħrajn.

tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. **Il-proċedimenti ġudizzjarji fl-ambitu ta' din id-Direttiva jinvolve l-proċedimenti kollha quddiem qorti jew tribunal f'materji ċivili, inklużi talbiet fi proċeduri mħaffa, bħall-inibizzjonijiet. Tinkludi wkoll** talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali, **peress li huma essenzjalment talbiet ċivili u mhux kriminali. Din tinkludi** wkoll miżuri interim u kawtelatorji, kontrokawżi jew tip partikolari ieħor ta' rimedji disponibbli taħt strumenti oħrajn.

## **Emenda 22**

### **Proposta għal direttiva**

### **Premessa 16**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-parteciċipazzjoni pubblika **għandha** tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet, publikazzjonijiet jew xogħlijiet **ġurnalistiċi**, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentattivi jew satiriċi, u kwalunkwe azzjoni preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u **l-għaqda** paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteciċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, **bħall-preżentata** ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteciċipazzjoni f'seduti pubbliċi. **Il-parteciċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti mal-istqarrija jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu mmirati**

#### *Emenda*

(16) Il-parteciċipazzjoni pubblika **jenħtieġ li** tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju **tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tal-bniedem bħad-dritt** għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' **kontenut ġurnalistiku, aħbarijiet u affarijiet kurrenti**, komunikazzjonijiet, publikazzjonijiet jew xogħlijiet, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentattivi jew satiriċi, u kwalunkwe azzjoni preparatorja marbuta direttament magħhom. **L-interess pubbliku futur jirreferi għall-fatt li materja tista' ma tkunx għadha ta' interess pubbliku, iżda tista' ssir hekk ladarba l-pubbliku jsir konxju tagħha, pereżempju permezz ta' publikazzjoni jew ilment individwali. Il-parteciċipazzjoni pubblika** tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju **tal-libertà akkademika u artistika**, tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u **ta' għaqda** paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteciċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal



*biex irażżnu l-parteeċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, stħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteeċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra.*

**Emenda 23**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 16a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, **bħall-preżentazzjoni** ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteeċipazzjoni f' seduti pubbliċi.

*Emenda*

*(16a) Il-parteeċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti mad-dikjarazzjoni jew mal-attività inkwistjoni. Tali attivitajiet jenħtieġ li jikkonċernaw direttament att speċifiku ta' parteeċipazzjoni pubblika, inklużi dawk ibbażati fuq rabta kuntrattwali bejn il-persuna li tinvolvi ruħha fil-parteeċipazzjoni pubblika u l-persuna li tipprovdli l-attività preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza. Barra minn hekk, il-parteeċipazzjoni pubblika tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba biex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex tiżdied l-azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, stħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteeċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra. Il-preżentazzjoni ta' talbiet mhux kontra l-persuna li tinvolvi ruħha fil-parteeċipazzjoni pubblika, iżda kontra organizzazzjoni tal-media, bħal*

*pjattaforma tal-internet li tippubblika xogħolhom jew kontra l-kumpanija li tistampa test jew ħanut li jbigħ it-test, tista' tkun mod effettiv biex il-parteċipazzjoni pubblika tissikket, peress li mingħajr tali servizzi, l-opinjoni jiet ma jistgħux jiġu ppubblikati u għalhekk ma jistgħux jinfluwenzaw id-dibattitu pubbliku.*

**Emenda 24**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Normalment jenħtieġ li l-parteċipazzjoni pubblika ma tkoprix ir-reklamar kummerċjali u l-attività ta' kummerċjalizzazzjoni, **li tipikament ma jsirux fl-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.**

*Emenda*

(17) Normalment jenħtieġ li l-parteċipazzjoni pubblika ma tkoprix ir-reklamar kummerċjali u l-attività ta' kummerċjalizzazzjoni.

**Emenda 25**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li **tinkludi** wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi fejn tali materji ikunu rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima jew għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz **għandha** tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza.

*Emenda*

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li **jinkludi** wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi, **inklużi l-kundizzjonijiet li bihom dawn jiġu prodotti u pprovduti**, fejn tali materji jkunu rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima, **għall-istat tad-dritt** jew għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali, **inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru.** Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz



*jenħtieġ li tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza, id-drittijiet tal-ħaddiema, id-drittijiet tal-konsumatur jew tal-bniedem, inkluż il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.*

**Emenda 26**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19a) L-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi, ħasil tal-flus, approprjazzjoni indebita, estorsjoni, koerċizzjoni, fastidju sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru jew forom oħra ta' intimidazzjoni u kriminalità inkluża l-kriminalità ambjentali huma wkoll materji ta' interess pubbliku. L-attivitajiet li l-għan tagħhom huwa li jiproteġu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jipprovdu jew jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni bil-ħsieb li tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet xjentifiċi u ta' riċerka, jikkwalifikaw ukoll bħala materji ta' interess pubbliku.*

**Emenda 27**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(20) Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. Dawn it-tattiċi jintużaw mill-attur għal skopijiet oħra minbarra li jikseb aċċess għall-ġustizzja. Dawn it-

*(20) Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi huma kkaratterizzati mill-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteeċipazzjoni pubblika jew li jkollhom l-għan li jiksbu effett dissważiv fuq il-parteeċipazzjoni pubblika fil-materja inkwistjoni; għalhekk dawn jikkostitwixxu abbuż ta' liġijiet sostantivi jew*

tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid.

***proċedurali. Il-prinċipji ġenerali tal-liġi jiddikjaraw li d-drittijiet ma jistgħux jiġu eżerċitati b'mod abbużiv kif stabbilit, pereżempju, fl-Artikolu 54 tal-Karta u fl-Artikolu 17 tal-KEDB. In-natura abbużiva ta' proċediment ġudizzjarju trid titnaqqas mit-totalità taċ-ċirkostanzi tal-kawża. Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal talbiet għad-danni eżaġerati jew eċċessivi, it-talba ta' miżuri sproporzjonati u minn qabel ta' trażżin, dewmien tal-proċedimenti, il-bidu ta' diversi proċedimenti dwar materji simili, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. L-imġiba fil-passat tal-attur u, b'mod partikolari, kwalunkwe storja ta' intimidazzjoni legali jenħtieġ li jitqiesu wkoll meta jiġi ddeterminat jekk il-kawża humiex ta' natura abbużiva. Ċaħda bikrija preċedenti ta' talba simili minħabba n-natura abbużiva jenħtieġ li tkun indikatur prima facie ta' abbużività. Dawn it-tattiċi jintużaw mill-attur għal skopijiet oħra minbarra li jikseb aċċess għall-ġustizzja sabiex ġenwinament jiġi affermat, iġġustifikat jew eżerċitat dritt, u dan iwassal għal abbuż tal-liġijiet sostantivi jew proċedurali. Dawn it-tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid, bħat-theddida li jintużaw l-iSLAPPs. F'każ ta' mewt tal-konvenut, tali kawża abbużivi jistgħu saħansitra jitkomplew kontra l-werrieta tiegħu.***

**Emenda 28**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 20a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20a) Karatteristika rikorrenti oħra tal-iSLAPPs hija l-isfruttament tal-***

*preponderanza f' termini ta' setgħa ekonomika, riżorsi legali jew influwenza politika mill-attur sabiex tiġi ristretta l-parteċipazzjoni pubblika tal-konvenut. Dan jirriżulta fi żbilanċ fil-poter, li jikkawża tħassib partikolari jekk il-kawżi abbużivi jiġu ffinanzjati direttament jew indirettament mill-baġits tal-Istat u jkunu kkombinati ma' miżuri statali indiretti u diretti oħra kontra l-organizzazzjonijiet tal-media indipendenti, il-ġurnaliżmu indipendenti u s-soċjetà ċivili. Tali żbilanċ fil-poter jista' jkun nieqes f' xi każijiet li jissodisfaw kriterji oħra tal-iSLAPPs.*

**Emenda 29**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Il-konvenuti **għandhom ikunu** jistgħu japplikaw għas-salvagwardji proċedurali li ġejjin: talba għal garanzija li tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti, jew tal-ispejjeż tal-proċedimenti u tad-danni, u talba għal ċaħda bikrija ta' proċedimenti **tal-qorti manifestament infondati**, talba għal rimedji kontra proċedimenti abbużivi **bil-qorti** (aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, kumpens għad-danni u penali), jew kollha kemm huma fl-istess ħin.

*Emenda*

(23) Il-konvenuti **jenħtieġ li jkunu** jistgħu japplikaw għas-salvagwardji proċedurali li ġejjin: talba għal garanzija li tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti, jew tal-ispejjeż tal-proċedimenti u tad-danni, u talba għal ċaħda bikrija ta' proċedimenti **ġudizzjarji abbużivi**, talba għal rimedji kontra proċedimenti **ġudizzjarji** abbużivi (aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, kumpens għad-danni u penali), jew kollha kemm huma fl-istess ħin. **Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li jiġu ttrattati b' mod rapidu u effettiv, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, u d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust.**

**Emenda 30**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23a (ġdida)**

*(23a) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tissalvagwardja jew tippromwovi d-drittijiet ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika jew li inkella jkollha interess fid-difiża tal-attività ta' parteċipazzjoni pubblika li tiġi fil-mira ta' SLAPP jenħtieġ li jkollha l-opportunità li tieħu sehem f'dawk il-proċedimenti jew li ttiprovdi informazzjoni, sew b'appoġġ għall-konvenut u sew f'ismu, bl-approvazzjoni tal-konvenut. Tali possibbiltà ta' rappreżentanza legali jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt u l-kompetenzi tat-trade unions u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jinvolve ruħhom f'isem il-ħaddiema jew b'appoġġ għalihom fi proċedimenti ġudizzjarji, f'konformità ma' regoli oħra tal-Unjoni u nazzjonali.*

**Emenda 31**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 25a (ġdida)**

*(25a) Il-proċedimenti kontra l-parteċipazzjoni pubblika jesponu lil dawk fil-mira għal ħsara finanzjarja u psikoloġika kbira, filwaqt li jikkonfrontawhom bil-ħtieġa li jistabilixxu fatti li spiss ikun diffiċli li jiġu ppruvati bħan-natura abbużiva ta' proċediment ġudizzjarju. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-konvenuti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu l-appoġġ meħtieġ biex iressqu l-każ tagħhom, soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tagħhom. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għal, l-appoġġ u l-għoti ta' informazzjoni. Il-konvenut jenħtieġ li jkollu d-dritt li jfittex tali appoġġ minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika b'interess jew b'għarfien espert leġittimu*

*fis-salvagwardja jew fil-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, ġurnalisti u akkademiċi kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi, korpi jew aġenziji tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-korpi tagħhom, assoċjazzjonijiet professjonali u rappreżentattivi, trade unions u korpi kollettivi oħra li jaġixxu fl-interess tal-konvenut jew b'għarfien partikolari tal-attur, b'mod partikolari l-involviment tiegħu kontra l-parteċipazzjoni pubblika.*

**Emenda 32**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li l-attur fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex **manifestament infondata**. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru **tal-prova** fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġlu **biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri** li t-talba ma hijiex **manifestament infondata** sabiex tiġi evitata każda bikrija.

**Emenda 33**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 30a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li l-attur fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex **abbużiva**. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru **tal-provi** fir-rigward ta' dik it-talba **fil-proċedimenti ewlenin** u jeħtieġlu **jistabilixxi** li t-talba ma hijiex **abbużiva**, sabiex tiġi evitata każda bikrija, **kif ukoll li, meta japplika għal każda, il-konvenut jenħtieġ li jipprovi lill-qorti bl-elementi li jindikaw sitwazzjoni abbużiva.**

*Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu lit-tribunali u lill-qrati tagħhom il-possibbiltà li jadottaw deċiżjonijiet ta' ċaħda bikrija, iżda tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jiġu adottati mill-imhalled fuq bażi ta' każ b'każ, f'talbiet li fihom l-għan tal-attur ma jkunx li ġenwinament jasserixxi, jiġġustifika jew jeżerċita dritt. Barra minn hekk, l-atturi jenħtieġ li dejjem ikunu intitolati jressqu appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda bikrija.*

**Emenda 34**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) Id-dispożizzjonijiet u s-salvagwardji ta' din id-Direttiva japplikaw, f'konformità mal-interpretazzjoni<sup>1a</sup> mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju “tempus regit actum”, għall-proċedimenti ġudizzjarji pendenti kollha kontra l-parteċipazzjoni pubblika fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva u wara dik id-data.*

-----

*<sup>1a</sup> Kawża Nru C-610/10, Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Renju ta' Spanja*

**Emenda 35**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 35a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(35a) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet eżistenti ta' rappreżentanza u intervent kif garantiti minn liġijiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali.*

**Emenda 36**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(36) Din id-Direttiva tikkomplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”). Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u tipprovdi sett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, it-tiŝhih tas-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u l-ġbir tad-data, ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

**Emenda 37**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36a (ġdida)**

*Emenda*

(36) Din id-Direttiva tikkomplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”). Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u tipprovdi sett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, it-tiŝhih tas-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u l-ġbir tad-data, ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. ***Meta jittrasponu din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-inklużjoni ta' salvagwardji simili għal dawk previsti minn din id-Direttiva għal każijiet nazzjonali mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-għoti ta' assistenza legali lill-konvenuti b'mod li jkun għall-but ta' kulħadd u faċilment aċċessibbli, u jiżguraw l-inklużjoni fil-liġijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni tagħhom ta' dispożizzjonijiet immirati f'dak ir-rigward.***



**(36a) Din id-Direttiva tipprovdi miżuri ta' appoġġ u prevenzjoni, inkluż l-istabbiliment ta' fondi nazzjonali mill-Istati Membri, ġestiti minn korp indipendenti, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'appoġġ mill-Kummissjoni, mekkaniżmi ta' appoġġ mhux finanzjarju bħall-għoti ta' għajnuna legali u appoġġ psikoloġiku, kif ukoll miżuri ta' taħriġ, sensibilizzazzjoni u ġbir tad-data. Tfittex ukoll li tiżgura l-ġbir tad-data billi tistabbilixxi kriterji komuni fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti punti fokali nazzjonali, ikkoordinati mill-Kummissjoni u ġestiti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti li jġestixxu l-finanzjament tal-Unjoni, biex jiġbru u jaqsmu l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu gwida u appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali organizzazzjonijiet jistgħu jinkludu l-assoċjazzjonijiet ta' professjonisti legali, il-kunsilli tal-media u tal-istampa, l-assoċjazzjonijiet umbrella għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, id-ditti legali li jiddefendu pro bono lil persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, l-uffiċċji ta' konsultazzjoni legali tal-universitajiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħrajn.**

**Emenda 38  
Proposta għal direttiva  
Premessa 36b (ġdida)**

**(36b) Din id-Direttiva mhijiex maħsuba biex jinstab rimedju għall-iSLAPPs**



*kollha li qed jintużaw kontra persuni li jinvolve ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika. Fil-futur, jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq l-abbuż tas-sistema tal-liġi kriminali kif ukoll fuq is-sistema tal-liġi amministrattiva. B'mod partikolari, ir-reat ta' malafama ħoloq perikli partikolari li jintuża ħażin bħala bażi għall-iSLAPPs. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jaħdmu fuq soluzzjonijiet biex jindirizzaw dawn il-perikli.*

**Emenda 39**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36c) Jenħtieġ li t-taħriġ għall-ġurnalisti, għall-professjonisti l-oħra fil-gasam tal-media u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem isaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jittrattaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Jenħtieġ li dan jagħmel enfasi fuq ir-rikonoxximent ta' tali proċedimenti ġudizzjarji, fuq kif wieħed għandu jaġixxi meta jkun fil-mira tagħhom u jinformatom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa biex jiproteġu lilhom infushom minn tali proċedimenti. It-taħriġ jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll lill-professjonisti legali sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u jkunu jistgħu jidentifikawhom fi stadju bikri ħafna.*

**Emenda 40**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36d) Jenħtieġ li l-Istati Membri*

*jistabilixxu fondi nazzjonali ddedikati, ġestiti minn korp indipendenti, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jappoġġaw u jikkumpensaw lill-vittmi ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi. Il-fondi nazzjonali jenħtieġ li jiġu parzjalment iffinanzjati minn penali. Ir-riżorsi pprovduti permezz tal-fondi nazzjonali jenħtieġ li jitqassmu wkoll lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu gwida u appoġġ lil min ikun fil-mira tal-iSLAPPs sabiex jiġi żgurat li tali organizzazzjonijiet jingħataw biżżejjed riżorsi sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod adegwat.*

**Emenda 41**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36e) Il-ġbir tad-data huwa essenzjali biex jiġu ddokumentati każijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u jiġu pprovduti soluzzjonijiet sabiex jiġu evitati. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabilixxi kriterji komuni biex jiġu standardizzati l-proċeduri tal-ġbir tad-data fl-Istati Membri u jiġi żgurat li tinġabar data komparabbli. Tali data jenħtieġ li tinkludi:*

*(i) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika mibdija fis-sena rilevanti;*

*(ii) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika miċħuda kmieni minħabba li jiddependu minn talbiet kompletament jew parzjalment infondati fis-sena rilevanti, li tibda mill-2022, kemm miċħuda fuq il-merti kif ukoll minħabba raġunijiet proċedurali;*

*(iii) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji, ikklassifikati skont it-tip ta'*

*konvenut (eż. ġurnalist, difensur tad-drittijiet tal-bniedem, stabbiliment tal-istampa);*

*(iv) l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji, ikklassifikati skont it-tip ta' attur (eż. politiku, persuna privata, kumpanija, jekk l-attur huwiex entità barranija);*

*(v) ċifri dwar atti ta' parteċipazzjoni pubblika li dwarhom infetħu proċedimenti ġudizzjarji;*

*(vi) ċifri dwar l-ammont stmat ta' danni inizjali mitluba mill-atturi;*

*(vii) deskrizzjoni tal-bażijiet legali differenti użati mill-atturi u ċ-ċifri relatati;*

*(viii) ċifri dwar it-tul tal-proċedimenti, inklużi l-istanzi kollha;*

*(ix) ċifri dwar elementi transfruntieri;*

*(x) meta tkun disponibbli, data oħra inkluż dwar l-ispejjeż ġudizzjarji tal-proċedimenti u, meta jkun rilevanti u xieraq, ċifri rilevanti dwar l-isfond storiku tal-każijiet;*

*(xi) it-tip ta' talba maħruġa abbażi ta' din id-Direttiva u r-Rakkomandazzjoni li takkumpanjaha.*

**Emenda 42**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Din id-Direttiva tipprovdi salvagwardji kontra proċedimenti ġudizzjarji **manifestament infondati jew** abbużivi f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, **b'mod partikolari** ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet **tal-bniedem**, minħabba l-involviment tagħhom fil-parteeċipazzjoni pubblika.

*Emenda*

Din id-Direttiva tipprovdi salvagwardji **proċedurali u legali** kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi, **jew theddid li tinbeda azzjoni legali**, f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba **direttament jew indirettament** kontra persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi, **bħal** ġurnalisti, **stabbilimenti tal-media** u difensuri tad-drittijiet, **b'mod partikolari, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-**

*ambjent, tad-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-NGOs, l-attivisti, it-trade unions, l-artisti, ir-riċerkaturi, l-akkademiċi, il-bloggers, l-informaturi jew l-oppożizzjoni politika, minħabba l-involvement tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika, inkluż online.*

**Emenda 43**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Din id-Direttiva tistabbilixxi standards minimi ta' protezzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika, fil-qasam tal-proċedimenti ġudizzjarji ċivili. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-ebda ċirkostanza m'għandha tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell ta' salvagwardji diġà mogħtija mill-Istati Membri fil-materji koperti minn din id-Direttiva.*

**Emenda 44**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. “parteċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju ***tad-dritt għal-libertà*** tal-espressjoni u tal-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku ***u azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza marbuta direttament magħha.*** Dan jinkludi ***l-ilmenti***, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi;

1. “parteċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika, espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju ***tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali bħal-libertà*** tal-espressjoni u tal-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, ***il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda, il-libertà tal-istampa, il-libertà akkademika u artistika, il-libertà tax-xjenza u tal-kultura, id-dritt tan-negozjar kollettiv u l-azzjoni kollettiva, id-dritt għal rimedju effettiv jew id-dritt għal amministrazzjoni tajba.*** Dan

jinkludi *kwalunkwe attività irrispettivament min-natura, il-mezz jew il-format, li sservi l-eżerċizzju ta' skrutinju pubbliku, żvelar, tixrid jew promozzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku bħall-ilmenti*, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f' seduti pubbliċi, *kif ukoll kwalunkwe forma ta' kreazzjoni, wirja, reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet jew xogħljiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentarji jew satiriċi. Dan għandu jinkludi wkoll kwalunkwe attività ta' appoġġ jew ta' tħejjija tagħha, b' mod partikolari x-xogħol ta' organizzazzjonijiet tal-media, bħall-forniment minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew fuq bażi professjonali jew fuq bażi personali, ta' appoġġ lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteċipazzjoni pubblika dwar materja ta' interess pubbliku;*

#### Emenda 45

##### Proposta għal direttiva

##### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-saħha pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-klima jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali;

###### *Emenda*

(a) is-saħħa pubblika, is-sikurezza, *il-libertà u l-pluraliżmu tal-media*, l-ambjent, il-klima jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali *u tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;*

#### Emenda 46

##### Proposta għal direttiva

##### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) materji taħt kunsiderazzjoni pubblika jew *rieżami* minn korp leġiżlattiv,

###### *Emenda*

(c) materji taħt kunsiderazzjoni pubblika jew *taħt kunsiderazzjoni* minn

eżekuttiv jew ġudizzjarju, jew kwalunkwe proċediment uffiċjali **pubbliku** ieħor;

korp leġiżlattiv, eżekuttiv jew ġudizzjarju, jew kwalunkwe proċediment uffiċjali ieħor **kif ukoll azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjoni minn awtoritajiet pubbliċi**;

**Emenda 47**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi **jew kriminalità**;

*Emenda*

(d) allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi, **appropriazzjoni indebita, ħasil tal-flus, estorsjoni, koerċizzjoni, fastidju sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru, jew forom oħra ta' intimidazzjoni, jew kwalunkwe reat kriminali jew amministrattiv ieħor inkluża l-kriminalità ambjentali**;

**Emenda 48**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) attivitajiet **immirati lejn il-ġlieda kontra** d-diżinformazzjoni;

*Emenda*

(e) attivitajiet **bl-għan li jipproteġu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, il-prinċipju ta' noninterferenza fil-proċessi demokratiċi, u li jipprovdu jew jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni bl-għan li tiġi miġġielda** d-diżinformazzjoni;

**Emenda 49**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) attivitajiet akkademiċi, xjentifiċi u ta' riċerka**;

**Emenda 50**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(eb) *attivitàjiet artistiki;***

**Emenda 51**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. “proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika” tfisser proċedimenti ġudizzjarji mressqa fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika li ***huma kompletament jew parzjalment infondati*** u li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteċipazzjoni pubblika. Indikazzjonijiet ta’ tali skop jistgħu jkunu:

3. “proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika” tfisser proċedimenti ġudizzjarji mressqa fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika li ***jużaw il-proċess ġudizzjarju għal finijiet għajr li ġenwinament jaffer maw, jiġġustifikaw jew jeżerċitaw dritt*** u li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteċipazzjoni pubblika. Indikazzjonijiet ta’ tali skop jistgħu jkunu:

**Emenda 52**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt -a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(-a) *il-punt sa fejn it-talba hija manifestament infondata;***

**Emenda 53**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) *l-eżistenza ta’ proċedimenti multipli mibdija mill-attur jew mill-partijiet assoċjati fir-rigward ta’ materji simili;***

***imħassar***

**Emenda 54**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) l-użu ta' tattiċi ta' litigazzjoni li jikkawżaw spejjeż mhux raġonevoli għall-konvenut, inkluż fir-rigward tal-għażla ta' ġuriżdizzjoni, jew l-użu ta' mozzjonijiet dilatorji;*

**Emenda 55**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) l-isfruttament tal-preponderanza f'termini ta' setgħa ekonomika, riżorsi legali jew influwenza politika jew soċjali sabiex tiġi ristretta l-parteċipazzjoni pubblika tal-konvenut, li jirriżulta fi żbilanċ fil-poter bejn iż-żewġ partijiet;*

**Emenda 56**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cc) l-eżistenza ta' proċedimenti multipli li għadhom għaddejjin jew preċedenti mibdija mill-attur jew mill-partijiet assoċjati fir-rigward ta' materji ta' parteċipazzjoni pubblika;*

**Emenda 57**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cd (ġdid)**



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(cd) ċaħda bikrija preċedenti ta' talba simili bħala abbużiva.**

**Emenda 58**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji **manifestament infondati** f'konformità mal-Kapitolu III;

(b) ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji **abbużivi** f'konformità mal-Kapitolu III;

**Emenda 59**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Istati Membri **jistgħu** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitolu III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja ex officio.

3. L-Istati Membri **għandhom** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitolu III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja ex officio. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qorti jew it-tribunal adit bil-materja jieħdu miżuri skont l-Artikoli 8, 14 u 15 ex officio.**

**Emenda 60**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedimenti ġudizzjarji kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika jiġu ttrattati b'mod rapidu u effettiv, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-kawża, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess**

*ġust.*

**Emenda 61**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Intervent ta' terzi

*Emenda*

Intervent ta' terzi ***b' appoġġ għall-konvenut***

**Emenda 62**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ***li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteciġazzjoni pubblika jkunu*** jistgħu jieħdu sehem f' dawk il-proċedimenti, jew b' appoġġ tal-konvenut jew ***sabiex jipprovdu informazzjoni.***

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteciġazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-korpi tagħhom, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jew korpi kollettivi, bħat-trade unions jew l-organizzazzjonijiet professjonali,*** jistgħu jieħdu sehem ***jew jipprovdu informazzjoni*** f' dawk il-proċedimenti, jew b' appoġġ tal-konvenut ***jew f' ismu bl-approvazzjoni tal-konvenut.***

**Emenda 63**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 7a***

***Rappreżentanza minn terzi***

***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fi***

*kwalunkwe proċediment kopert minn din id-Direttiva l-konvenut ikollu d-dritt li, soġġett għat-talba tiegħu, korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni jaġixxu f'ismu.*

**Emenda 64**  
**Proposta għal direttiva**  
**Kapitolu III – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji  
*manifestament infondati*

*Emenda*

Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji  
*abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika*

**Emenda 65**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jaġthu s-setgħa lill-qrati u lit-tribunali sabiex jadottaw deċiżjoni bikrija sabiex jiċħdu, totalment jew parzjalment, il-proċedimenti *prinċipali* kontra l-parteċipazzjoni pubblika *bħala manifestament infondata*.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jaġthu s-setgħa lill-qrati u lit-tribunali sabiex jadottaw deċiżjoni bikrija sabiex jiċħdu, totalment jew parzjalment, il-proċedimenti *ġudizzjarji abbużivi* kontra l-parteċipazzjoni pubblika *kif definit fl-Artikolu 3(3)*.

**Emenda 66**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw *rikors* għal ċaħda *bikrija*. *Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli*.

*Emenda*

2. *Il-konvenut jista' japplika għal ċaħda fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti; fejn is-sistemi nazzjonali tal-liġi proċedurali ċivili jipprevedu stadju separat ta' ammissibbiltà*, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw *applikazzjoni* għal ċaħda *f'dak l-istadju tal-proċedimenti*.

**Emenda 67**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta konvenut ikun talab każda bikrija, għandu jkun l-attur li jipprova li t-talba ma hijiex *manifestament infondata*.

**Emenda 68**  
**Proposta għal direttiva**  
**Kapitolu Va (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta konvenut ikun talab każda bikrija, għandu jkun l-attur li jipprova li t-talba ma hijiex *abbużiva, kif definit fl-Artikolu 3(3)*;

*Emenda*

*Kapitolu Va*

*MIŻURI TA' APPOĠĠ*

*Artikolu 18a*

*Fond Nazzjonali*

1. *L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jistabbilixxu fond nazzjonali ġestit minn korp indipendenti, għall-kumpens ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika mhux koperta mill-iskemi nazzjonali diġà eżistenti għall-kumpens lill-vittmi u biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu gwida u appoġġ lill-vittmi ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.*

2. *Il-fondi nazzjonali għandhom jiġu ffinanzjati parzjalment mill-penali kif previst fl-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-ammont tal-penali li għandhom jiġu allokati lill-fondi nazzjonali.*

*Artikolu 18b*

*Mekkaniżmi ta' appoġġ mhux finanzjarju*

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti mekkaniżmi ta' appoġġ mhux finanzjarju lil persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika. Tali miżuri għandhom jinkludu l-għoti ta' għajnuna legali u appoġġ psikoloġiku, kif ukoll informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jipprovdu gwida u appoġġ lill-vittmi ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. L-appoġġ u l-assistenza għandhom ikunu aċċessibbli u mingħajr ħlas.*

2. *L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt fokali nazzjonali, ġestit minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti, li jiġbor u jaqsam l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu gwida u appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.*

3. *L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki bejn l-organizzazzjonijiet li jipprovdu gwida u appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.*

**Emenda 69**  
**Proposta għal direttiva**  
**Kapitolu Vb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Kapitolu Vb**

**MIŻURI TA' PREVENZJONI**

**Artikolu 18c**

**Taħriġ**

1. *B'rispett dovut għall-indipendenza ġudizzjarja, l-indipendenza tal-professjoni legali u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw*

*opportunitajiet ta' taħriġ għall-professjonisti legali bħall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju fil-livelli kollha tal-qorti, avukati kwalifikati kif ukoll għal miri potenzjali ta' tali proċedimenti ġudizzjarji sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, is-salvagwardji proċedurali kontrihom previsti f'din id-Direttiva, u l-għarfien dwar il-ħtiġijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika.*

*2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-opportunitajiet ta' taħriġ jiġu estiżi għal individwi u organizzazzjonijiet involuti fil-parteċipazzjoni pubblika biex jgħammruhom b'għarfien speċifiku sabiex jirrikonoxxu u jirrispondu kif xieraq għal proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika jiġu inklużi b'mod partikolari fil-kurrikuli tal-liġi u tal-ġurnaliżmu.*

*3. L-Istati Membri għandhom jirċievu appoġġ mill-Kummissjoni fl-iffaċilitar tat-taħriġ u l-iskambju ta' prattiki sabiex jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, objettivi u metodoloġija komuni fil-livell tal-UE. F'dan ir-rigward, għandhom jiżguraw l-involviment tal-professjonisti legali u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom.*

#### *Artikolu 18d*

##### *Sensibilizzazzjoni*

*1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, sabiex jitravwem l-għarfien dwar il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u s-salvagwardji proċedurali stabbiliti f'din id-Direttiva,*

*biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jitnaqqas serjament ir-riskju jew it-theddida ta' tali kawżi. Meta xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.*

*2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ u informazzjoni dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni rigward l-istrutturi ta' appoġġ eżistenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, inkluża referenza għall-punti fokali nazzjonali li jiġbru u jaqsmu informazzjoni dwar ir-riżorsi disponibbli, inkluż dwar l-assistenza legali u l-perkorsi legali ta' difiża disponibbli.*

*Artikolu 18e*

*Ġbir tad-data*

*1. L-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom dwar l-istatistika ġudizzjarja, għandhom jinkarigaw awtorità waħda jew aktar bir-responsabbiltà tal-ġbir u l-aggregazzjoni tad-data dwar proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika mibdija fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.*

*2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regjistru tad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar materji rregolati minn din id-Direttiva u r-Rakkomandazzjoni li takkumpanjaha. Tali regjistru għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas fil-punt tal-użu, u jikkonforma mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali.*

**Emenda 70**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 19a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 19a*

*Applikazzjoni fil-ħin*

*Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kollha kontra l-parteċipazzjoni pubblika, kif definit fl-Artikolu 3(3), li jinbdew jew ikomplu meta tidħol fis-seħħ il-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva u wara din id-data.*

**Emenda 71**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn [**ħames (5)** snin mid-data tat-traspożizzjoni]. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard minn [**6 snin** mid-data tat-traspożizzjoni], tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tal-impatt ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva.

**Emenda 72**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn [**3 snin** mid-data tat-traspożizzjoni] **u wara dan fuq bażi annwali**. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard minn [**4 snin** mid-data tat-traspożizzjoni], tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport **annwali** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tal-impatt ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva. **Dawk ir-rapporti għandhom ikunu pubbliċi.**

*Emenda*

*Il-Kummissjoni, abbażi tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva dwar l-iSLAPPs f'talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali u abbażi ta' informazzjoni*



*disponibbli oħra, għandha tivvaluta jekk  
hijjex meħtieġa azzjoni ulterjuri kontra l-  
iSLAPPs fi proċedimenti kriminali.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 5.5.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 5.5.2022
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	15.12.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Ramona Strugariu 12.1.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	Anna Júlia Donáth
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.3.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.5.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 51 -: 5 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Damien Carême, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Āuriš Nicholsonová, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nuno Melo, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Paulo Rangel, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Loucas Furlas, José Gusmão, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemeč, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Paul Tang, Róża Thun und Hohenstein, Loránt Vincze, Tomáš Zdechovský
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marie Dauchy, Vlad Gheorghe

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

51	+
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nuno Melo, Alessandra Mussolini, Emil Radev, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Loránt Vincze, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Sylvie Guillaume, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Isabel Santos, Birgit Sippel, Paul Tang, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Clare Daly, José Gusmão
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Briemont, Damien Carême, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

5	-
ECR	Patryk Jaki, Vincenzo Sofo
ID	Susanna Ceccardi, Nicolaus Fest
NI	Milan Uhrík

4	0
ECR	Assita Kanko
ID	Annika Bruna, Marie Dauchy, Tom Vandendriessche

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

07.6.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Stelios Kouloglou

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġislattiva tagħha għal direttiva dwar il-protezzjoni tal-persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika").

B'mod ġenerali, ir-rapporteur jilqa' l-proposta u jissuġġerixxi titjib sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet, speċjalment dawk relatati mat-terminoloġija, id-definizzjonijiet, u l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, bl-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ċittadini tal-UE.

Ir-rapporteur jixtieq jenfasizza li l-hekk imsejja SLAPPs – bħala kawżi mressqa bi skop mhux xieraq – huma abbużivi min-natura tagħhom stess. Jekk kawża tkun "manifestament infondata", dan jindika n-natura abbużiva tagħha. Peress li l-kawżi abbużivi kollha għandhom jiġu ffiltrati barra mis-sistema tal-qrati u jkunu soġġetti għal sanzjonijiet, ir-rapporteur jipproponi li titneħħa d-distinzjoni bejn "manifestament infondati" u "abbużivi", filwaqt li jiġi żgurat li s-salvagwardji proċedurali kollha japplikaw għat-tnejn, b'enfasi speċjali fuq iċ-ċaħda bikrija, is-sigurtà tal-ispejjeż, il-kumpens għad-danni u l-penali. Peress li t-terminu użat b'mod komuni "Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika" jista' jidher mhux ċar għall-fini tal-leġislazzjoni, minħabba d-diffikultà li jintuża u jiġi definit it-terminu "strateġiċi" b'mod partikolari fis-sistemi tas-civil law tal-UE, ir-rapporteur jipproponi li jintuża t-terminu "kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika" bħala terminu li jkopri kollox fit-test kollu, filwaqt li madankollu tinżamm l-abbrevjazzjoni stabbilita "SLAPP" għal skopijiet ta' komunikazzjoni aħjar, biex tiġi evitata l-konfużjoni u biex jinżammu r-rabtiet mat-testi rilevanti mill-Kunsill u min-NU.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jemmen li huwa importanti li jiġi enfasizzat il-kamp ta' applikazzjoni personali wiesa' tad-Direttiva, li għandu jitwessa' għal azzjonijiet imressqa kontra kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta – direttament jew indirettament – fil-parteċipazzjoni pubblika. Ir-referenza espliċita għal kategoriji partikolari ta' bersalli SLAPP bħala eżempju, bħas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u t-trade unions, kif ukoll riċerkaturi, xjenzjati, akkademiċi, artisti, informaturi ta' irregolaritajiet u pubblikaturi,

għandha tirrifletti l-firxa wiesgħa ta' atturi milquta minn dan il-fenomeni fl-UE kollha. Fl-istess ħin, hemm enfasi fuq il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'ċerti premessi biex jinżamm l-għan inizjali tat-test, peress li huma l-maġġoranza tal-vittmi tal-iSLAPPs. Tiżdied referenza speċjali biex tirrifletti ż-żieda inkwetanti tal-iSLAPPs abbażi tal-ġeneru. Qed jiġi propost ukoll li jitwessgħu l-interventi ġuridiċi ta' partijiet terzi inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza tad-drittijiet tal-persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika.

Aspett importanti ħafna għar-rapporteur huwa li jiġi żgurat li d-Direttiva l-ġdida tapplika għall-kawżi pendenti, mibdija jew mkomplija quddiem qorti nazzjonali fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tagħha, kif ukoll għal talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali, filwaqt li materji amministrattivi għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv biex tissaħħaħ il-protezzjoni taċ-ċittadini minn talbiet fondati b'mod abbużiv fuq dispożizzjonijiet ta' natura amministrattiva.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi li jiġu inklużi referenzi għal diversi drittijiet u libertajiet oħra li huma marbuta b'mod inerenti mal-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, pereżempju d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda kif ukoll għal-libertà tal-arti, il-kultura u x-xjenza, bl-għan li l-istrument jiġi ankrat ma' definizzjoni komprensiva u bbażata fuq id-drittijiet tal-kunċett ta' "parteċipazzjoni pubblika" li għandha tkun maħsuba bħala parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u fit-teħid tad-deċizzjonijiet, iżda wkoll fl-eżerċizzju ta' rwol ta' gwardjan li jipromwovi r-responsabbiltà għal attivitajiet li titqies illegali, immorali, illeċiti, mhux sikura jew frawdolenti.

Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tinkludi b'mod ċar ukoll attivitajiet artistiċi, kulturali, ta' riċerka u xjentifiċi, filwaqt li l-ambjent diġitali huwa inkluż ukoll, sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni pubblika protetti jinkludu wkoll id-dritt ta' espressjoni online.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jemmen li huwa importanti li jiġi żgurat kunċett ta' "materja ta' interess pubbliku" li jkun ibbażat fuq id-drittijiet. Pereżempju, bħala parti mis-saħħa pubblika u l-konsum sostenibbli, il-ksur fuq skala kbira tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista jista' jkun ukoll ta' interess pubbliku. Dan għandu jiġi ċċarat sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jew l-organizzazzjonijiet li jirrapportaw tali għemil ħażin ma jsirux il-bersall tal-iSLAPPs, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi, u biex jiġu appoġġati l-monitoraġġ u l-infurzar effettivi tal-proposti pendenti għal Direttiva tal-UE dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u Regolament tal-UE dwar ix-Xogħol Furzat.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jilqa' l-perspettiva innovattiva tad-Direttiva għall-kopertura "transfruntiera" ta' ċerti każijiet interni u jissuġġerixxi li tiġi interpretata b'mod wiesa' skont ir-rilevanza tagħha għall-kunċett "materja ta' interess pubbliku", minflok tinvolvi sempliċement implikazzjonijiet prattiċi għall-Istati Membri differenti, speċjalment fid-dinja diġitali tal-lum u anki sabiex jissaħħu s-salvagwardji tal-UE kontra l-għażla opportunistika tal-ġurisdizzjonijiet u biex tilqa' għall-iSLAPPs minn pajjiżi terzi.

L-oneru tal-provi ċar fuq l-attur huwa ta' importanza assoluta u għalhekk, ir-rapporteur jissostitwixxi l-limitu "manifestament infondat" b'rekwiżit għall-attur li jistabbilixxi każ "prima facie" fir-rigward ta' kull element essenzjali tal-kawża tal-azzjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jissuġġerixxi wkoll l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, kif ukoll rieżami tal-istandards deontoloġiċi tal-professjonisti legali, għax jiffaċilitaw l-

implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva.

B'mod partikolari, is-suġġerimenti tar-rapporteur ġew abbozzati wara li tqiesu kif xieraq il-kontribut li ġej mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jinkludu:

- The Coalition against SLAPPs in Europe
- Transparency International
- Civil Liberties Union for Europe
- Committee to Protect Journalists
- Greenpeace International
- the Daphne Caruana Galizia Foundation
- Culture Action Europe
- News Media Europe

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji **manifestament** infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")

*Emenda*

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika" (**SLAPPs**))

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-

*Emenda*

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-

Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) tipprevedi, inter alia, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), il-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), u għal rimedju effettiv u *smigħ ġust* (l-Artikolu 47).

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr *interferenza* mill-awtorità pubblika u *irrispettivament mill-fruntieri*. L-Artikolu 11 tal-Karta *għandu* jingħata t-tifsira u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 10 korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (“KEDB”) dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“QEDB”).

Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”) tipprevedi, inter alia, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), il-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), *il-libertà ta’ għaqda u assoċjazzjoni (Artikolu 12)* u għal rimedju effettiv u *għal proċess imparzjali* (l-Artikolu 47).

##### *Emenda*

(3) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr *indħil* mill-awtorità pubblika u *mingħajr ma jittieħed kont ta’ fruntieri, li hu neċessarju f’soċjetà demokratika*. L-Artikolu 11 tal-Karta *jenħtieġ li* jingħata t-tifsira u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 10 korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (“KEDB”) dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, *li jkopri wkoll il-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta’ ħaddieħor u l-prevenzjoni tal-kxif ta’ informazzjoni riċevuta b’sigriet, bħall-korrispondenza*, kif *ġiet* interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“QEDB”). *Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni huwa marbut ma’ drittijiet u libertajiet oħra, fosthom id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Karta, u l-libertà tal-arti u x-xjenzi, inkluża l-libertà akkademka, kif stabbiliti fl-Artikolu 13 tal-Karta.*



## Emenda 4

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttiprovdi protezzjoni lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kontra proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu **kontrihom sabiex** jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa strategic lawsuits against public participation (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew "SLAPPs").

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u **fit-twassil u l-akkoljenza** ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Huwa essenzjali li jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u **l-interferenza. Il-ġurnalisti għandhom ikunu** jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet

##### *Emenda*

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttiprovdi protezzjoni lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta' interess pubbliku **anki online**, b'mod partikolari l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, **inklużi s-soċjetà ċivili, l-NGOs u t-trade unions kif ukoll ir-riċerkaturi, l-akkademiċi, l-istudenti, l-artisti, l-informaturi ta' irregolaritajiet u l-pubblikaturi ta' xogħlijiet ġurnalistiċi u artistiċi**, kontra proċedimenti ġudizzjarji **abbużivi** li jinfetħu **bl-iskop li** jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa strategic lawsuits against public participation (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew "SLAPPs"), **u li tħares id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.**

##### *Emenda*

(5) **Jeżisti bżonn urġenti li tinżamm l-indipendenza tal-media fil-konfront tal-pressjonijiet politiċi u ekonomiċi, bħal dawk eżerċitati permezz tal-iSLAPPs.** Il-ġurnalisti **u l-pubblikaturi tal-istampa** għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u **fl-għoti u fir-riċezzjoni** ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Huwa essenzjali li **jwettqu l-attivitajiet tagħhom skont standards u karti ġurnalistiċi** u jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-

fid-demokraziji Ewropej.

informazzjoni u *l-indħil. Jenħtieġ li l-ġurnalisti jkunu* jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokraziji Ewropej. *Jenħtieġ li l-ġurnalisti jkunu liberi li jikkritikaw mingħajr biża' ta' prosekuzzjoni jew li jinkiser id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u jkunu żgurati l-protezzjoni, is-sikurezza u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom.*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokraziji Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. ***Dawn għandhom*** ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet ***tal-LGBTIQ***, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol jew il-libertajiet reliġjużi. Il-parteeċipanti l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku, ***bħall-akkademiċi u riċerkaturi, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata.***

#### *Emenda*

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokraziji Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. ***Jenħtieġ li dawn*** ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika, ***jipromwovu r-responsabbiltà*** u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet ***tal-persuni LGBTIQ***, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet ***tal-migranti, tar-rifuġjati u ta' min qiegħed ifittex ažił, id-drittijiet tax-xogħol, id-drittijiet marbutin mat-trade unions*** jew il-libertajiet reliġjużi. ***Fost*** il-parteeċipanti ***online u offline*** l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku ***jista' jkun hemm, akkademiċi u riċerkaturi, xjenzjati, edukaturi, artisti, professjonisti kulturali, attivisti fil-media soċjali u***

*informaturi ta' irregolaritajiet.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a) In-nisa, il-persuni LGBTIQ u d-difensuri tad-drittijiet tal-ġeneru jiżvolġu rwol kruċjali fil-ksib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Ewropa. Jenħtieġ li jkunu jistgħu jippromwovu r-responsabbiltà u jsemmgħu leħenhom fi kwalunkwe każ ta' fastidju bbażat fuq il-ġeneru, vjolenza, abbuż jew abbuż tar-relazzjonijiet ta' poter, mingħajr ma jsofru t-tieni mewġa ta' fastidju bbażat fuq il-ġeneru bħala vittmi tal-iSLAPPs. Għaldaqstant, l-objettivi u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma marbutin u jenħtieġ li jiġu interpretati fid-dawl tal-ogħla protezzjoni possibbli tal-vittmi tal-iSLAPPs ibbażati fuq il-ġeneru, kif ukoll flimkien mal-politiki u mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE.**

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7b) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li din id-Direttiva effettivament tgħin biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni li tagħha l-minoranzi razzjali, reliġjużi u etniċi spiss huma vittmi.**

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Premessa 8**

(8) Demokrazija sana u li tiffunzjona teħtieġ li n-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku mingħajr **interferenza** bla bżonn mill-awtorità pubblika jew minn atturi b'saħħithom oħra, sew jekk ikunu **domestiċi** kif ukoll barranin. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, in-nies jenħtieġ li jkunu jistgħu **jaċċessaw** informazzjoni affidabbli, li tippermettilhom jiffurmaw l-opinjoni jiet tagħhom stess u jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom stess fi spazju pubbliku li fih jistgħu jiġu espressi fehmiet differenti b'mod liberu.

(8) Demokrazija sana u li tiffunzjona teħtieġ li n-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku mingħajr **indħil** bla bżonn mill-awtorità pubblika jew minn atturi b'saħħithom oħra, sew jekk ikunu **interni** kif ukoll barranin. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, in-nies jenħtieġ li jkunu jistgħu **jaċċedu għal** informazzjoni affidabbli, **oġġettiva u imparzjali**, li tippermettilhom jiffurmaw l-opinjoni jiet tagħhom stess u jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom stess fi spazju pubbliku li fih jistgħu jiġu espressi fehmiet differenti b'mod liberu. **Għalhekk, huwa kruċjali li jiġu promossi u sostnuti s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fil-media anki permezz tal-kurrikuli tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Istati Membri, filwaqt li jiġu permessi, f'livell orizzontali, il-politiki rilevanti kollha tal-UE pereżempju l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Hemm bżonn li jsiru investimenti f'riżorsi adegwati biex iċ-ċittadini jiġu infurmati b'mod effikaċi bid-drittijiet ċiviċi tagħhom rigward il-parteċipazzjoni pubblika filwaqt jenħtieġ li l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki tiġi mħeġġa fil-livell tal-UE. Jenħtieġ li, fil-livell speċifiku, il-programmi relatati mal-litteriżmu fil-media jkunu strument essenzjali biex l-Istati Membri jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom minn indħil bla bżonn fid-dibattitu pubbliku.**

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva Premessa 9**

(9)

(9) Sabiex jitrawwem **ambjent san u li jiffunzjona** huwa importanti li **l-persuni**

*fiżiċi u ġuridiċi kollha, involuti fil-parteeċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiġu protetti u li jitħalla l-aċċess għall-informazzjoni affidabbli minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteeċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, iżda biex jiġu sfruttati l-istrumenti proċedurali bil-għan li jissikket id-dibattitu pubbliku tipikament bl-użu tal-fastidju u l-intimidazzjoni. Dawn qed jillimitaw l-investigazzjonijiet u l-informazzjoni leġittima għall-pubbliku u b'hekk jostakolaw ir-rwol tal-gwardjani u jnaqqsu saħħet id-demokrazzi.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-iSLAPPS tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju individwi, gruppi *tal-illobbjar*, *korporazzjonijiet* u organi *tal-istat*. Dawn spiss jinvolvu żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, fejn l-attur ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. Għalkemm *ma humiex* komponent indispensabbli ta' kawżi bħal dawn, fejn ikun preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi *kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji* kontra l-parteeċipazzjoni pubblika.

#### *Emenda*

(10) L-iSLAPPS tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju individwi, gruppi *tal-lobbying*, *kumpaniji*, *partiti politiċi* u organi *statali*. Dawn spiss jinvolvu żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, fejn l-attur ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. Għalkemm *mhumiex* komponent indispensabbli ta' kawżi bħal dawn, fejn ikun preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi *ta' dawn il-proċedimenti, iċekken l-isparju ċiviku li fih is-soċjetà ċivili taġixxi u tinvolvi ruħha fil-parteeċipazzjoni pubblika b'hekk tagħmel dannu gravi lid-demokrazija. L-iSLAPPS li jkunu proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi jistgħu jintużaw fil-proċeduri ċivili, iżda wkoll fit-talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali*, kontra l-parteeċipazzjoni pubblika *li jkunu jridu jsikkta l-kritika u jimpedixxu l-iskrutinju pubbliku askapitu tad-dibattitu pubbliku.*

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteeċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ***ta' deterrent*** fuq il-ħidma tagħhom ***billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura*** b'antiċipazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

##### *Emenda*

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteeċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni ***tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkun bersalli*** u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. ***Barra minn hekk, il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteeċipazzjoni pubblika spiss ikunu bbażati fuq akkużi infondati.*** It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ***l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, l-artisti u kull min huwa attiv fil-parteeċipazzjoni pubblika.*** Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ***deterrenti*** fuq il-ħidma tagħhom ***biex jissikkta l-vuċijiet kritiċi, inkluża l-awtoċensura*** b'antiċipazzjoni ta' proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, ***billi mhux l-iSLAPPs kollha jaslu sal-qorti u spiss jibqgħu theddida ta' azzjoni legali,*** li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi. ***Barra minn hekk, tali każijiet jistgħu wkoll joħlqu preċedenti li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu biex tiġi ostakolata l-parteeċipazzjoni pubblika, jinxterdu id-diżinformazzjoni u n-nuqqas ta' fiduċja fi ħdan l-Unjoni.***

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 16



(16) Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet jew xogħlijiet **ġurnalistiċi**, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, **kumentattivi** jew satiriċi, u kwalunkwe azzjoni preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' **lobbjar**, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi. Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti **mal-istqarrija** jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu mmirati biex irażżnu l-parteċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, sħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra.

(16) Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa, **anki fl-ambjent diġitali**, fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' **kontenut ġurnalistiku, aħbarijiet, attwalità, komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet** jew xogħlijiet politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, **dokumentarji, illustrattivi** jew satiriċi, **ikun xi jkun il-mezz jew il-format**, u kwalunkwe azzjoni preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' **lobbying**, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi **u kwalunkwe attività oħra li sservi għall-kxif, għat-tixrid jew għall-promozzjoni għall-pubbliku**. Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti **mad-dikjarazzjoni** jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu mmirati biex irażżnu l-parteċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, sħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva

oħra.

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 18

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li ***tinkludi*** wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi fejn tali materji ***ikunu*** rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima jew għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz ***għandha*** tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza.

##### *Emenda*

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li ***jinkludi*** wkoll il-kwalità, ***il-kompożizzjoni***, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi, ***il-pajjiż ta' oriġini, inklużi l-kundizzjonijiet li fihom dawn jiġu prodotti jew furnuti***, fejn tali materji ***jkunu*** rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima jew għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz ***jenħtieġ li*** tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza, ***id-drittijiet tal-ħaddiem, id-drittijiet tal-konsumatur jew tal-bniedem, inklużi l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti infurzata f'dawn is-setturi***.

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu ***tattiċi*** ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. ***Dawn it-tattiċi jintużaw mill-attur għal skopijiet oħra minbarra li***

##### *Emenda*

(20) Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu ***tattiki*** ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal ***talbiet eżaġerati jew eċċessivi ta' kumpens għad-danni, talbiet għal miżuri restrittivi preventivi sproporzjonati***, dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla



*jikseb aċċess għall-ġustizzja. Dawn it-tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forum ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid.*

*opportunistika tal-ġurisdizzjoni. F'dawn il-kawżi, li fihom l-attur ikun f'pożizzjoni konsiderevolment aktar influwenti mill-konvenut, li jkun jaġixxi fuq materja ta' interess pubbliku, jista' jitqies li l-konvenut ma jidhirx li jkun, prinċipalment, ifittex li jgawdi mid-dritt bażiku tiegħu li jkollu aċċess għall-ġustizzja. Tali proċedimenti jistgħu jkunu kkombinati ma' diversi forum ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni lill-fastidju bbażat fuq il-ġeneru inkwantu indikatur/forma ta' abbuż partikolarment vjolenti.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri ħlief jekk iż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita. Anki meta ż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, il-materja **għandha** titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed. **Dan jinkludi** pereżempju **l-parteċipazzjoni** pubblika f'avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, **bħal** dehriet f'seduti pubbliċi, jew **stqarrijiet** jew attivitajiet dwar materji li huma ta' rilevanza **speċifika** għal aktar minn Stat Membru wieħed, **bħat-tniġġis** transfruntier jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involverment transfruntier potenzjali. It-tieni sitwazzjoni **fejn** materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta l-attur jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew

*Emenda*

(22) Materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri ħlief jekk iż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita. Anki meta ż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, il-materja **jenħtieġ li** titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed **jew aċċessibbli, anki online. Din tinkludi** pereżempju **atti li għandhom natura jew dimensjoni transfruntiera bħal parteċipazzjoni** pubblika f'avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dehriet f'seduti pubbliċi, jew **pubblikazzjonijiet disseminati b'mod mifrux, inkluż fl-ambjent diġitali. Għandha tinkludi wkoll dikjarazzjonijiet** jew attivitajiet, **inklużi kampanji fil-media soċjali u kopertura medjatika online** dwar materji li **l-pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed jista' b'mod leġittimu**

proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor. Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.

*jieħu interess fihom, u għalhekk huma jew jistgħu jsiru ta' rilevanza għal aktar minn Stat Membru wieħed, **bħall-attivitajiet ekonomiċi jew politiċi ta' rilevanza transfruntiera, it-tniġġis transfruntier, it-tgawdija transfruntiera jew l-abbuż transfruntier ta' drittijiet jew libertajiet fundamentali skont id-dritt tal-UE**, jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involverment transfruntier potenzjali. It-tieni sitwazzjoni **meta** materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta l-attur jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor. Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(24a) L-entitajiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jkunu parti mill-proċedimenti, favur il-konvenut.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Premessa 26

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(26) Sabiex il-konvenut jiġi pprovdut b'salvagwardja addizzjonali, għandu jkun hemm il-possibbiltà li jingħata garanzija biex ikopri l-ispejjeż proċedurali u/jew id-danni, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u

(26) Sabiex il-konvenut jiġi pprovdut b'salvagwardja addizzjonali, għandu jkun hemm il-possibbiltà li jingħata garanzija biex ikopri l-ispejjeż **inklużi l-ispejjeż proċedurali, l-ispejjeż tar-rappreżentanza legali** u/jew id-danni, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament

***l-prospetti*** għas-suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi. Garanzija ma tinvolvi ***sentenza*** fuq il-merti iżda sservi bħala miżura kawtelatorja li tiżgura l-effetti ta' deċiżjoni finali li ssib abbuż ta' proċedura. ***Għandu jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk għandhiex tiġi ordnata garanzija mill-qorti fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba mill-konvenut.***

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li l-attur fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex ***manifestament*** infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġli biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba ma hijiex ***manifestament*** infondata sabiex tiġi evitata każda bikrija.

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) L-ispejjeż ***għandhom*** jinkludu l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż sħaħ tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. L-ispejjeż tar-rappreżentanza legali li jaqbżu l-ammonti stabbiliti fit-tabelli ***tat-tariffi statutorji*** ma ***għandhomx jitqiesu*** bħala eċċessivi ***per se***. Il-kumpens sħiħ għad-danni ***għandu*** jinkludi kemm danni materjali kif ukoll immaterjali, bħall-ħsara

infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u ***l-probabbiltajiet*** għas-suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi. Garanzija ma tinvolvi ***ġudizzju*** fuq il-merti iżda sservi bħala miżura kawtelatorja li tiżgura l-effetti ta' deċiżjoni finali li ssib abbuż ta' proċedura.

#### *Emenda*

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal każda bikrija, jenħtieġ li l-attur fil-proċedimenti prinċipali jgħib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba mhijiex infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġli biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba mhijiex infondata ***u mhijiex abbużiva*** sabiex tiġi evitata każda bikrija.

#### *Emenda*

(31) L-ispejjeż ***jenħtieġ li*** jinkludu l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż sħaħ tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. L-ispejjeż tar-rappreżentanza legali li jaqbżu l-ammonti stabbiliti fit-tabelli ***tal-onorarji stabbiliti bil-liġi jenħtieġ li*** ma ***jitqisux*** bħala eċċessivi ***persè***. ***Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tiggarrantix il-kumpens tal-ispejjeż għar-rappreżentanza legali lil hinn mit-tabelli tal-onorarji stabbiliti bil-***

fiżika u psikoloġika.

*liġi, jenħtieġ li l-qorti tkun tista' tagħti indennizz għall-ispejjeż li ma jkunux inklużi fit-tabelli tal-onorarji stabbiliti bil-liġi permezz tal-għoti ta' kumpens għad-danni. Il-kumpens sħiħ għad-danni jenħtieġ li jinkludi kemm danni materjali kif ukoll immaterjali, bħall-ħsara fiżika u psikoloġika.*

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Fil-kuntest transfruntier, huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta t-treddida tal-iSLAPPs minn pajjiżi terzi ***mmirati lejn il-ġurnalisti***, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħrajn involuti fil-parteċipazzjoni pubblika li huma ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jinvolvu danni eċċessivi mogħtija kontra ***ġurnalisti tal-UE***, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn. Il-proċedimenti tal-Qorti f'pajjiżi terzi huma aktar kumplessi u għaljin għall-persuni ***fil-mira***. Sabiex jiġu protetti d-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi evitat li s-salvagwardji previsti minn din id-Direttiva jiġu mminat minn rikors għal proċedimenti ġudizzjarji ***manifestament*** infondati u abbużivi f'pajjiżi terzi.

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva Premessa 34a (ġdida)

*Emenda*

(33) Fil-kuntest transfruntier, huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta t-treddida tal-iSLAPPs minn pajjiżi terzi ***kontra ġurnalisti***, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħrajn involuti fil-parteċipazzjoni pubblika li huma ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jinvolvu danni eċċessivi mogħtija kontra ***persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari ġurnalisti***, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn. Il-proċedimenti tal-Qorti f'pajjiżi terzi huma aktar kumplessi u għaljin għall-persuni ***li huma l-bersalli tagħhom***. Sabiex jiġu protetti d-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi evitat li s-salvagwardji previsti minn din id-Direttiva jiġu mminat minn rikors għal proċedimenti ġudizzjarji f'ġuriżdiżjonijiet oħrajn, huwa importanti li tiġi pprovduta protezzjoni wkoll kontra proċedimenti ġudizzjarji infondati u abbużivi f'pajjiżi terzi.

**(34a) Din id-Direttiva għandha tkompli timmonitorja l-istatus tal-libertà tal-media, il-pluraliżmu u l-iSLAPPs, inkluż permezz tar-Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Media, li huwa kruċjali biex tiġi pprovduta data aġġornata u allarmi li jevidenzjaw każijiet ta' għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni possibbli bejn l-Istati Membri, abbażi ta' data li l-Istati Membri jkunu jridu jipprovdu u jikkollaboraw fuqha regolament. Barra minn dann, il-ġbir regolari u adegwat tad-data fl-Istati Membri kollha huwa essenzjali fil-kuntest transfruntier bil-għan li tiġi żviluppata sensibilizzazzjoni dwar l-iSLAPPs. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru data dwar l-iSLAPPs, pereżempju n-numru ta' proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi kontra l-parteciżipazzjoni pubblika, in-numru ta' kawżi miċħuda, iċ-ċifri relatati mal-elementi transfruntieri, id-deskrizzjoni tal-bażi ġuridika u ċifri dwar l-atti tal-pubbliku maħsuba biex jimmonitorjaw u jirrapportaw tali każijiet fl-UE kollha, filwaqt li jiġu żgurati miżuri ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk involuti, b'mod partikolari tal-vittmi ta' dawn il-proċedimenti ġudizzjarji.**

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Premessa 35a (ġdida)

**(35a) L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi l-assoċjazzjonijiet professjonali, mas-sħab soċjali l-oħra u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li r-regoli deontoloġiċi li jirregolaw l-imġiba tal-professjonisti**

*legali u s-sanzjonijiet dixxiplinari għall-ksur ta' dawk ir-regoli jikkunsidraw u jinkludu miżuri xierqa biex jiskoraġġixxu kawżi abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Bil-għan li jiġi evitat l-użu ħażin ta' dawk il-miżuri u r-regoli, jenħtieġ li ssir enfasi fuq it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet xierqa tal-professjonisti legali li jittrattaw l-iSLAPPs, u jqisu totalment il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan jista' jinkludi l-inkoraġġiment tal-awto regolamentazzjoni min-naħa tal-assoċjazzjonijiet ta' professjonisti legali u/jew, meta dan ikun konsistenti mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u fir-rispett sħiħ tal-indipendenza tal-professjoni, jittieħdu inizjattivi għal leġiżlazzjoni jew koregolamentazzjoni.*

#### **Emenda 24**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 39a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39a) L-iSLAPPs li l-bersall tagħhom ikunu l-organi tal-istampa jistgħu jimmiraw li jġiegħlu lil dawn tal-aħħar jagħlqu. Jenħtieġ li jiġi previst strument speċifiku ħalli jiżgura s-sostenibbiltà ekonomika tal-organizzazzjonijiet medjatiċi li jaffrontaw dawn il-kawżi u l-kapaċità tagħhom li jilqgħu għal attakki bħal dawn, bħala parti minn ambitu li jiżgura qafas favorevoli għall-pluraliżmu fil-media.*

#### **Emenda 25**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 39b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39b) Jenħtieġ li d-data tinġabar b'mod aktar sistematiku u tiġi mmonitorjata biex tevalwa b'mod xieraq il-fenomeni u l-*

*evoluzzjoni tiegħu maż-żmien, tfassal skema tad-diversi każijiet identifikati, tanalizza t-tendenzi u tirrapporta regolarment, tippubblika informazzjoni f'formati aċċessibbli filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali.*

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Premessa 39c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39c) Minħabba r-riperkussjonijiet qawwjin ta' dawn l-iSLAPPs fuq il-ħajja tal-persuni li potenzjalment ikunu l-bersall u l-kwisjonijiet ta' saħħa mentali li jistgħu jirriżultaw, jenħtieġ li l-Istati Membri joħolqu appoġġ psikoloġiku speċifiku biex jakkumpanjawhom.*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Din id-Direttiva tipprovdi salvagwardji kontra proċedimenti ġudizzjarji **manifestament** infondati jew abbużivi f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, b'mod partikolari ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, **minħabba l-involvement tagħhom** fil-parteeċipazzjoni pubblika.

Din id-Direttiva tipprovdi salvagwardji kontra proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi f'materji ċivili, **inklużi talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali** b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, b'mod partikolari ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem **li jinvolvu ruħhom** fil-parteeċipazzjoni pubblika, **anki online.**

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Din id-Direttiva għandha tapplika għal

Din id-Direttiva għandha tapplika għal



*materji* ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri, *tkun xi tkun in-natura tal-qorti* jew *tat-tribunal*. *Din ma għandhiex tiġi estiża, b'mod partikolari, għal dħul, materji doganali jew amministrattivi* jew *għar-responsabbiltà* tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet *fl-eżerċizzju* tal-awtorità tal-Istat (acta iure imperii).

*kwalunkwe tip ta' proċediment* ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri, *li jkunu nbdew jew tkomplew quddiem qorti nazzjonali fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Għandha tapplika għall-kapijiet ta' akkuża kontra l-parteciċipazzjoni pubblika li jkunu eżistenti jew għaddejjin. Id-Direttiva għandha testendi għal kwalunkwe tip ta' talba, inklużi miżuri interim u kawtelatorji, kontrotalbiet jew tip partikolari ieħor ta' rimedji, u irrispettivament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Għandha tinkludi talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali. Ma għandhiex tiġi estiża għal talbiet li jinvolwaw ir-responsabbiltà* tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet *fl-eżerċizzju* tal-awtorità tal-Istat (acta iure imperii).

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. “parteciċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku u azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza marbuta direttament magħha. ***Dan jinkludi l-ilmenti, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji u l-parteciċipazzjoni f'seduti pubbliċi;***

##### *Emenda*

1. “parteciċipazzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività, ***anki fl-ambjent diġitali,*** minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku u azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza ***konnessa*** marbuta direttament magħha, ***li tista' tirriżulta mill-eżerċizzju ta' drittijiet u libertajiet oħra, inklużi l-libertà akkademika, il-libertà tax-xjenza, il-libertà artistika u l-libertà tal-kultura. Din tista' b'mod partikolari tinkludi l-attivitajiet msemmija fil-premessa 16, iżda mhux limitata għalihom.***



## Emenda 30

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. “materja ta’ interess pubbliku”  
tfisser kwalunkwe materja li taffettwa lill-pubbliku sa tali punt li l-pubbliku jista’ b’mod leġittimu jieħu interess fiha, f’oqsma bħal:

##### *Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*

2. “materja ta’ interess pubbliku”  
tfisser kwalunkwe materja li taffettwa lill-pubbliku sa tali punt li l-pubbliku jista’ b’mod leġittimu jieħu interess fiha, f’oqsma bħal:

## Emenda 31

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-klima jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali;

##### *Emenda*

(a) is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-klima, ***id-diversità kulturali u soċjetali, id-drittijiet tal-konsumatur jew tal-ħaddiem, l-edukazzjoni, il-kultura*** jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali ***bħal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà artistika, il-pluraliżmu u l-libertà tal-media, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni mill-vjolenza fuq in-nisa***;

## Emenda 32 Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni, frodi jew kriminalità;

##### *Emenda*

(d) allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni, frodi, ***evazzjoni tat-taxxa, abbuż tal-poter*** jew kriminalità;

## Emenda 33 Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) attivitajiet immirati lejn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;

##### *Emenda*

(e) ***attivitajiet artistiki, kulturali, xjentifiċi u ta’ riċerka u*** attivitajiet immirati lejn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;

**Emenda 34** Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 –punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea)** *abbuż jew użu ħażin tal-poter min-naħa ta’ atturi statali jew tal-UE.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1- punt 3 - punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa)** *il-pożizzjoni żvantaġġata tal-bersall li tirriżulta mill-iżbilanċi fir-riżorsi finanzjarji u legali;*

**Emenda 36** Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba)** *it-tattiki ta’ litigazzjoni użati mill-attur, inkluż fir-rigward tal-għażla tal-ġuriżdizzjoni u l-użu ta’ tattiki dilatorji;*

**Emenda 37** Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt bb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bb)** *tattiki ta’ litigazzjoni użati in mala fede biex tiġi limitata l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni bil-ħsieb li jsikktu jew jirrestrinġu l-iskrutinju pubbliku dwar materja ta’ interess pubbliku leġittimu;*

**Emenda 38** Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c)** intimidazzjoni, fastidju jew theddid min-naħa tal-attur jew tar-rappreżentanti tiegħu.

**(c)** intimidazzjoni, fastidju jew theddid min-naħa tal-attur jew tar-rappreżentanti tiegħu *fir-rigward tas-suġġett tat-talba.*

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) L-att ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku li kontrib jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed, jew

##### *Emenda*

(a) L-att ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku li kontrib jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed, jew ***minħabba n-natura jew id-dimensjoni transfruntiera tal-att innifsu, jew minħabba l-interess li l-pubbliku fi Stati Membri differenti jista' jkollu fil-materja kkonċernata mill-att; jew***

## Emenda 40

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitoli III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja ex officio.

##### *Emenda*

3. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitoli III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja ex officio.

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li ***l-organizzazzjonijiet mhux governattivi*** li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika ***jkunu*** jistgħu jieħdu sehem f'dawk il-proċedimenti, jew

##### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li ***l-entitajiet*** li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika, ***pereżempju l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-assoċjazzjonijiet***

b'appoġġ tal-konvenut jew sabiex jipprovdu informazzjoni.

***professionali u rappreżentattivi, it-trade unions u l-korpi kollettivi l-oħra li jaġixxu fl-interess tal-konvenut, ikunu jistgħu jieħdu sehem f' dawk il-proċedimenti, jew b'appoġġ tal-konvenut jew sabiex jipprovdu informazzjoni jew opinjoni. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet eżistenti ta' rappreżentanza u intervent kif garantiti minn regoli oħra tal-Unjoni jew nazzjonali.***

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika, il-qorti jew it-tribunal aditi jkollhom is-setgħa li jeħtieġu lill-attur jagħti garanzija għall-ispejjeż proċedurali, ***jew għall-ispejjeż u d-danni proċedurali***, jekk iqisu li tali garanzija hija xierqa fid-dawl tal-preżenza ta' elementi li jindikaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika, il-qorti jew it-tribunal aditi jkollhom is-setgħa li jeħtieġu lill-attur jagħti garanzija għall-ispejjeż, ***inklużi l-ispejjeż proċedurali, l-ispejjeż ta' rappreżentanza legali u spejjeż u danni assoċjati***, jekk iqisu li tali garanzija hija xierqa fid-dawl tal-preżenza ta' elementi li jindikaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi.

## Emenda 43

### Proposta għal direttiva Kapitolu III – titolu

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji ***manifestament*** infondati

#### *Emenda*

Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji infondati

## Emenda 44

### Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu

s-setgħa lill-qrati u lit-tribunali sabiex jadottaw deċizzjoni bikrija sabiex jiċħdu, totalment jew parzjalment, **il-proċedimenti prinċipali** kontra l-parteciċipazzjoni pubblika **bħala manifestament infondata**.

#### **Emenda 45** Artikolu 9 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri **jistgħu** jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw rikors għal każda bikrija. Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

#### **Emenda 46**

##### **Proposta għal direttiva** **Artikolu 12 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta konvenut ikun talab każda bikrija, għandu jkun l-attur li jipprova li t-talba **ma hijiex manifestament infondata**.

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal direttiva** **Artikolu 14 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li attur li jkun ippreżenta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika

s-setgħa lill-qrati u lit-tribunali sabiex jadottaw deċizzjoni bikrija sabiex jiċħdu, totalment jew parzjalment, **kawżi infondati** kontra l-parteciċipazzjoni pubblika.

##### *Emenda*

2. L-Istati Membri **għandhom** jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw rikors għal każda bikrija. Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

##### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta konvenut ikun talab każda bikrija, għandu jkun l-attur li jipprova li t-talba **mhijiex infondata. Skont il-paragrafu 1, il-qorti għandha tirrifjuta li tagħti każda bikrija biss meta l-attur ikun stabbilixxa kawża prima facie fir-rigward ta' kull element essenzjali tal-kawża tal-azzjoni u meta t-talba ma tkunx ikkaratterizzata minn elementi ta' abbuż.**

*jkun jista' jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi.*

*jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. **Dan l-għoti tal-ispejjeż għandu jkun karatteristika awtomatika tad-deċiżjoni tal-qorti fl-istess proċedimenti relatati mal-kawża abbużiva inkwistjoni. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tiggarrantix il-kumpens tal-ispejjeż għar-rappreżentanza legali lil hinn mit-tabelli tal-onorarji stabbiliti bil-liġi, il-qorti għandha tkun tista' tikkumpensa l-ispejjeż li ma jkunux inklużi fit-tabelli tal-onorarji stabbiliti bil-liġi permezz ta' kumpens għad-danni skont l-Artikolu 15.***

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti abbużivi tal-qorti kontra l-parteciġazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara, **indipendentement mill-fatt li tkun fiżika jew psikoloġika**, bħala riżultat ta' proċedimenti abbużivi tal-qorti kontra l-parteciġazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara, **inkluż kwalunkwe telf ta' introjtu, reputazzjoni jew opportunità. Bil-għan li jiġi żgurat li l-aċċess għal tali kumpens ma jikkostitwix oneru għall-vittmi u tiġi evitata l-perpetwazzjoni tal-impatt negattiv tal-iSLAPPs fuq il-vittmi, dan il-kumpens ma għandux jirrikjedi r-rikors ta' talba formali separata min-naħa tal-konvenut u għandu jkun karatteristika awtomatika tal-proċedimenti.**

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż terz fi proċedimenti ġudizzjarji minħabba l-parteċipazzjoni pubblika minn persuna fiżika jew ġuridika domiċiljata fi Stat Membru jiġu miċħuda bħala manifestament kontra ***l-politika pubblika (ordre public)*** jekk dawk il-proċedimenti kienu jitqiesu ***manifestament*** infondati jew abbużivi kieku kellhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonossiment jew l-eżekuzzjoni u kieku dawk il-qrati kellhom japplikaw il-liġi tagħhom stess.

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ***meħtieġa*** sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ***[sentejn (2)]*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

### Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż terz fi proċedimenti ġudizzjarji minħabba l-parteċipazzjoni pubblika minn persuna fiżika jew ġuridika domiċiljata fi Stat Membru jiġu miċħuda bħala manifestament kontra ***l-ordni pubbliku*** jekk dawk il-proċedimenti kienu jitqiesu infondati jew abbużivi kieku kellhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonossiment jew l-eżekuzzjoni u kieku dawk il-qrati kellhom japplikaw il-liġi tagħhom stess.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ***neċessarji*** sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ***[sena (1)]*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

***2a. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika organizzati fost l-oħrajn minn***

*entitajiet nazzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*

**Emenda 52 Proposta għal direttiva  
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2b. L-Istati Membri, b'kont meħud tal-arranġamenti istituzzjonali tagħhom dwar l-istatistika ġudizzjarja, għandhom jinkarigaw awtorità waħda jew aktar bir-responsabbiltà tal-ġbir u tal-aggregazzjoni, fir-rispett sħiħ tad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, tad-data dwar proċedimenti ġudizzjarji infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika miftuħin fil-ġurisdizzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtorità waħda tkun responsabbli mill-koordinament tal-informazzjoni u mir-rapportar tad-data aggregata miġbura fil-livell nazzjonali lill-Kummissjoni fuq bażi annwali li tibda minn tmiem il-leġiżlatura.***



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 5.5.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 15.12.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Stelios Kouloglou 2.5.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	1.3.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.5.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 –: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Tomasz Frankowski, Romeo Franz, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Martina Michels, Niklas Nienaß, Peter Pollák, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Sabine Verheyen, Milan Zver
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, João Albuquerque, Marcel Kolaja, Salima Yenbou
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alexandrov Yordanov, Karen Melchior, Eleni Stavrou

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	Asim Ademov, Isabella Adinolfi, Alexander Alexandrov Yordanov, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Eleni Stavrou, Sabine Verheyen, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Karen Melchior, Salima Yenbou
S&D	João Albuquerque, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Massimiliano Smeriglio
The Left	Niyazi Kizilyürek, Martina Michels
Verts/ALE	Romeo Franz, Marcel Kolaja, Niklas Nienaaß

2	-
ECR	Andrey Slabakov
NI	Andrea Bocskor

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")		
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0177 – C9-0161/2022 – 2022/0117(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	28.4.2022		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 5.5.2022		
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 15.12.2022	LIBE 5.5.2022	FEMM 15.9.2022
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	FEMM 8.9.2022		
<b>Kumitati assoċjati</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.12.2022		
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Timo Wölken 17.5.2022		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.2.2023	21.3.2023	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.6.2023		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	15 1 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Marion Walsmann, Timo Wölken, Lara Wolters, Javier Zarzalejos		
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emil Radev, René Repasi		
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Isabel Carvalhais, Luděk Niedermayer		
<b>Data tat-tressiq</b>	29.6.2023		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

15	+
ECR	Raffaele Stancanelli
PPE	Luděk Niedermayer, Emil Radev, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
Renew	Ilana Cicurel, Pierre Karleskind, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
S&D	Isabel Carvalhais, René Repasi, Tiemo Wölken, Lara Wolters
Verts/ALE	François Alfonsi, Sergey Lagodinsky

1	-
ID	Gilles Lebreton

1	0
ECR	Angel Dzhambazki

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni